ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 72

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

20 ta' Marzu 2010

Werrej

I *Atti leġislattivi*

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kunsill 2010/23/UE tas-16 ta' Marzu 2010 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward ta' applikazzjoni fakultattiva u temporanja tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fil-konfront tal-fornimenti ta' ċerti servizzi suxxettibbli għal frodi** . . . . . 1

II *Atti mhux leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 234/2010 tad-19 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar l-għotja ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' ċereali u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' disturb fis-suq taċ-ċereali** . . . . . 3

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 235/2010 tad-19 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix . . . . . 13

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 236/2010 tad-19 ta' Marzu 2010 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10 . . . . . 15

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

Prezz: 3 EUR

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2010/19/UE tad-9 ta' Marzu 2010 li temenda, għall-għanijiet ta' adattament għall-progress tekniku fil-qasam tas-sistemi tat-trażżin tal-isprej ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, id-Direttiva tal-Kunsill 91/226/KEE, u d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) ........................................ 17

DEĊIŻJONIJIET

2010/166/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2010 dwar kondizzjonijiet armonizzati għall-użu tal-ispektrum tar-radju għas-servizzi ta' komunikazzjoni mobbli abbord il-bastimenti (servizzi MCV) fl-Unjoni Ewropea** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 1644)* ([1]) ......................... 38

RAKKOMANDAZZJONIJIET

2010/167/UE:

★ **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2010 dwar l-awtorizzazzjoni ta' sistemi għas-servizzi tal-komunikazzjoni mobbli abbord il-bastimenti (is-servizzi MCV)** ([1]) ............ 42

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti leġislattivi)*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2010/23/UE

### tas-16 ta' Marzu 2010

### li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward ta' applikazzjoni fakultattiva u temporanja tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fil-konfront tal-fornimenti ta' ċerti servizzi suxxettibbli għal frodi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([3]) tispeċifika li t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għandha titħallas minn kwalunkwe persuna taxxabbli li twettaq transazzjonijiet li jinvolvu l-forniment taxxabbli ta' oġġetti u servizzi. Fil-każ ta' transazzjonijiet transkonfinali, u għal ċerti setturi domestiċi b'riskju għoli bħal dawk tal-bini jew tal-iskart, hu previst, madankollu, li l-obbligu tal-ħlas tal-VAT għandu jiġi ttrasferit lill-persuna li jsirilha l-forniment.

(2) Minħabba l-gravità tal-frodi tal-VAT, l-Istati Membri għandhom jitħallew japplikaw, fuq bażi temporanja, mekkaniżmu li permezz tiegħu l-obbligu li titħallas il-VAT jgħaddi għal fuq il-persuna li lilha jiġu ttrasferiti l-allokazzjonijiet tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra kif definit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87/KE ([4]), u unitajiet oħrajn li jistgħu jintużaw għal konformità mal-istess Direttiva.

(3) L-introduzzjoni ta' tali mekkaniżmu li jimmira lejn dawn is-servizzi, li skont l-esperjenza reċenti huma partikolarment soġġetti għal frodi, għall-kuntrarju tal-applikazzjoni ġenerali tiegħu, m'għandux jaffetwa b'mod negattiv il-prinċipji fundamentali tas-sistema tal-VAT, bħall-pagamenti frazzjonati.

(4) L-Istati Membri għandhom jipproduċu rapport ta' evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu sabiex jippermettu valutazzjoni tal-effiċjenza tiegħu.

(5) Biex jiġi vvalutat l-effett tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu fuq attivitajiet ta' frodi b'mod trasparenti, ir-rapporti ta' evalwazzjoni mill-Istati Membri għandhom ikunu bbażati fuq kriterji definiti minn qabel stabbiliti mill-Istati Membri. Kwalunkwe evalwazzjoni bħal din għandha tivvaluta b'mod ċar il-livell ta' frodi qabel u wara l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu u kwalunkwe ċaqliq konsegwenti fix-xejriet tal-attivitajiet ta' frodi, inklużi l-fornimenti ta' servizzi oħrajn. Ir-rapport għandu jevalwa wkoll l-ispejjeż ta' konformità għall-persuni taxxabbli.

(6) Kull Stat Membru li individwa bidla fix-xejriet tal-attivitajiet ta' frodi fit-territorju tiegħu fir-rigward tas-servizzi taħt din id-Direttiva għandu jipproduċi rapport f'dak ir-rigward.

(7) Biex l-Istati Membri kollha jiġu pprovduti bl-għażla li japplikaw tali mekkaniżmu, huwa meħtieġ li ssir emenda speċifika għad-Direttiva 2006/112/KE.

(8) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, senjatament li tiġi indirizzata l-frodi tal-VAT permezz ta' miżura temporanja li tidderoga mir-regoli eżistenti tal-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri konformement mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan.

([1]) Opinjoni tal-10 ta' Frar 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Opinjoni tal-21 ta' Jannar 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.
([4]) Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

(9) Id-Direttiva 2006/112/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Fid-Direttiva 2006/112/KE għandu jiġi inserit l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 199a*

1. Sat-30 ta' Ġunju 2015 u għal perijodu minimu ta' sentejn, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT hija l-persuna taxxabbli li lilha jiġi fornut kwalunkwe wieħed minn dawn il-fornimenti:

(a) it-trasferiment tal-allokazzjonijiet tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra kif definit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità (*), li huma trasferibbli f'konformita mal-Artikolu 12 ta' dik id-Direttiva,

(b) it-trasferiment ta' unitajiet oħrajn li jistgħu jintużaw mill-operaturi għall- konformità mal-istess Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu previst fil-paragrafu 1 dwar l-introduzzjoni ta' kwalunkwe mekkaniżmu bħal dan u għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) dikjarazzjoni dwar l-iskop tal-miżura li tapplika l-mekkaniżmu u deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li jakkumpanjawha, inklużi kwalunkwe obbligi ta' rappurtar fuq il-persuni taxxabbli u kwalunkwe miżuri ta' kontroll;

(b) kriterji ta' evalwazzjoni biex ikun possibbli paragun bejn attivitajiet ta' frodi rigward is-servizzi elenkati fil-paragrafu 1 qabel u wara l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu, l-attivitajiet ta' frodi rigward servizzi oħrajn qabel u wara l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu, u kwalunkwe żieda f'tipi oħrajn ta' attivitajiet ta' frodi qabel u wara l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu;

(c) id-data tal-bidu u l-perijodu li għandu jkun kopert mill-miżura li tapplika l-mekkaniżmu.

3. L-Istati Membri li japplikaw il-mekkaniżmu previst fil-paragrafu 1 għandhom, abbażi tal-kriterji ta' evalwazzjoni previsti fil-punt (b) tal-paragrafu 2, jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2014. Ir-rapport għandu jindika b'mod ċar l-informazzjoni li għandha tiġi trattata b'mod kunfidenzjali u l-informazzjoni li tista' tiġi ppubblikata.

Ir-rapport għandu jipprovdi valutazzjoni dettaljata tal-effettività u l-effiċjenza ġenerali tal-miżura, partikolarment rigward:

(a) l-impatt fuq attivitajiet ta' frodi fir-rigward tal-fornimenti ta' servizzi koperti mill-miżura;

(b) it-trasferiment possibbli ta' attivitajiet ta' frodi għal oġġetti jew servizzi oħrajn;

(c) l-ispejjeż ta' konformità għall-persuni taxxabbli li jirriżultaw mill-miżura.

4. Kull Stat Membru, li, mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-Artikolu, jkun individwa bidla fix-xejriet tal-attivitajiet ta' frodi fit-territorju tiegħu fir-rigward tas-servizzi elenkati fil-paragrafu 1, għandu jippreżenta rapport lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2014.

---

(*) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32."

*Artikolu 2*

L-Istati Membri li jagħżlu li japplikaw il-mekkaniżmu previst fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 199a tad-Direttiva 2006/112/KE għandhom jikkomunikaw id-dispożizzjonijiet tal-miżura li tapplika l-mekkaniżmu lill-Kummissjoni meta jibda l-mekkaniżmu.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Id-Direttiva għandha tapplika sat-30 ta' Ġunju 2015.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. SALGADO

II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 234/2010

**tad-19 ta' Marzu 2010**

**li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar l-għotja ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' ċereali u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' disturb fis-suq taċ-ċereali**

**(verżjoni kodifikata)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 [1] li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS), u partikolarment l-Artikolu 170 u l-Artikolu 187 flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1501/95 tad-29 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 dwar l-għotja ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' ċereali u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' disturb fis-suq taċ-ċereali [2] ġie emendat kemm-il darba [3] b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) Ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni, ammonti korrettivi u taxxi fuq l-esportazzjoni fuq ċerti prodotti koperti mill-organizzazzjoni komuni tas-suq agrikolu għandu jkun iffissat, bħala miżura speċjali f'każ ta' disturb fis-suq, bi qbil ma' ċerti kriterji li jippermettu li tiġi koperta d-differenza bejn il-kwotazzjonijiet u l-prezzijiet għal tali prodotti fl-Unjoni u dawk fis-suq dinji.

(3) Meqjusa d-differenza fil-prezzijiet li bihom ċ-ċereali jkunu offruti minn pajjiżi esportaturi differenti fis-suq dinji, għandu jittieħed kont partikolarment tal-ispejjeż interni differenti biex jintbagħtu u r-rifużjonijiet għandhom ikunu ffissati, b'kunsiderazzjoni għad-differenza bejn il-prezzijiet rappreżentanti fl-Unjoni u l-kwotazzjonijiet u l-prezzijiet l-aktar favorevoli li japplikaw fis-suq dinji.

(4) Sabiex ikun possibbli li jkun esportat id-dqiq, ix-xgħir u l-barli mitħuna ħoxnin, id-dqiq tal-qamħirrun u l-maltu, il-fatturi li għandhom ikunu kkunsidrati meta jkunu stabbiliti r-rifużjonijiet huma, min-naħa l-waħda, il-prezzijiet taċ-ċereali bażiċi u l-kwantitajiet meħtieġa sabiex ikunu mmanifatturati l-prodotti kkonċernati u l-valur tal-prodotti sekondarji u, min-naħa l-oħra, l-opportunitajiet u l-kondizzjonijiet għall-bejgħ tal-prodotti fuq is-suq dinji.

(5) Hija ħtieġa tas-sistema tal-ammonti korrettivi li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 164(4) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jistgħu jkunu kapaċi għad-differenzjament skont id-destinazzjoni tal-prodotti li għandhom ikunu esportati.

(6) Bil-għan tal-amministrazzjoni effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni u biex jittieħed kont tal-possibbiltajiet tal-esportazzjoni għal dawk il-prodotti, provvediment għandu jsir għar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni u t-taxxi fuq il-prodotti elenkati fl-Anness I, parti (a), (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 biex ikun stabbilit bi stedina għall-offerti li jkopri kwantità partikolari.

(7) Sabiex ikun assigurat trattament ugwali għall-partijiet interessati kollha fl-Unjoni, l-istedina għall-offerti għandha tkun organiżżata bi qbil mal-prinċipji uniformi. Għal dak l-għan, id-deċiżjonijiet li jiftħu l-istedina għall-offerti għandhom ikunu ppubblikati, flimkien ma' avviż tal-istedina għall-offerti, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(8) L-offerti għandhom jinkludu d-dettalji meħtieġa sabiex jiġu evalwati u għandhom jiġu akkumpanjati minn xi obbligi formali.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 147, 30.6.1995, p. 7.
[3] Ara l-Anness IV.

(9) Massimu ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni jew ta' taxxa minima fuq l-esportazzjoni għandhom ikunu stabbiliti. Dik il-proċedura tassigura li l-kwantitajiet ikkonċernati kollha jkunu allokati.

(10) Jistgħu jkun hemm sitwazzjonijiet fis-suq li fihom l-aspetti ekonomiċi tal-esportazzjonijiet ikkontemplati jwasslu sabiex ma tittieħed l-ebda azzjoni ulterjuri dwar l-offerti li jkunu rċevew, pjuttost milli tkun stabbilita rifużjoni jew taxxa fuq l-esportazzjoni.

(11) Garanzija tal-offerta għandha tassigura li l-kwantitajiet esportati jiġu hekk esportati permezz tal-liċenzja maħruġa skont l-istedina għall-offerti. Dak l-obbligu jista' jkun milħuq biss jekk l-offerti ppreżentati jkunu mantenuti. Il-garanzija għandha għalhekk tkun mitlufa meta l-offerti jkunu rtirati.

(12) Għandhom ikunu stabbiliti regoli dettaljati sabiex ikun assigurat li dawk li jagħmlu l-offerti jkunu nnotifikati bir-riżultati tal-istedina għall-offerti u li l-liċenzji meħtieġa jinħarġu għall-esportazzjoni tal-kwantitajiet allokati.

(13) Sabiex jiġu stabbiliti r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni ta' prodotti elenkati fl-Anness I, parti I, punti (a), (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u sabiex jiġi evitat il-bżonn li jiġu introdotti verifiki biex jiġu skoperti l-iċken varjazzjonijiet fi kwantitajiet tal-materjali bażiċi u mingħajr xi effett notevoli fuq il-kwalità tal-prodott, għandu jiġi adottat metodu ta' evalwazzjoni standard. L-analiżi tal-kontenut tal-irmied tal-prodotti mmanifatturati wriet li huwa l-metodu tekniku l-aktar effettiv biex jiġi kkalkolat l-ammont ta' ċereali bażiċi użati. Din l-analiżi għandha ssir bl-istess proċedura fl-Unjoni kollha.

(14) L-għotja ta' rifużjoni għall-esportazzjoni ta' ċereali importati minn pajjiżi terzi u esportati mill-ġdid lejn pajjiżi terzi ma jidhirx li hija ġġustifikata. Għalhekk, ir-rifużjonijiet għandhom jingħataw biss għall-prodotti tal-Unjoni.

(15) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli [1] jirrikjedi li, meta r-rifużjonijiet ivarjaw skont id-destinazzjoni, il-ħlas tar-rifużjoni jista' jkun kondizzjonali partikolarment fuq il-preżentazzjoni ta' prova li l-prodott ikun ġie importat fl-istat mhux mibdul tiegħu fil-pajjiż terz jew f'wieħed mill-pajjiżi terzi li għalihom japplikaw ir-rifużjonijiet. Fir-rigward taċ-ċereali, l-unika rifużjoni aktar baxxa minn dik applikabbli għal esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi kollha hija dik għall-Iżvizzera u l-Liechtenstein. Sabiex ikun evitat li jkunu ostakolati n-numru l-kbir ta' esportazzjonijiet mill-Unjoni billi tkun meħtieġa prova tal-wasla fid-destinazzjoni, għandhom jinstabu mezzi ġodda li jiżguraw li prodotti li fuqhom tkun tħallset rifużjoni li tapplika għall-pajjiżi terzi kollha ma jiġux esportati lejn il-pajjiżi hawn fuq imsemmija. Għal dan il-għan, il-ħtieġa li tintwera prova tal-wasla għandha titneħħa fil-każijiet kollha fejn l-esportazzjoni ssir permezz tal-baħar. Liċenzji mfassla mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li jiddikjaraw li l-prodotti telqu mit-territorju doganali tal-Unjoni abbord bastiment li huwa adattat għat-trasport bil-baħar huma meqjusa li jipprovdu garanzija suffiċjenti.

(16) Skont l-Artikolu 162 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 prodotti elenkati f'dak l-artikolu li għandhom jiġu esportati bi proċessar ulterjuri jew mingħajr dan jistgħu jkunu eliġibbli għal rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni jekk ikunu konformi ma kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 167 ta' dan ir-Regolament. Minbarra dan, l-Artikolu 167(7) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jagħti l-possibiltà lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi kondizzjonijiet ulterjuri għall-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjonijiet għal prodott wieħed jew aktar. Dawn il-kondizzjonijiet kienu stabbiliti fir-Regolamenti tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-setturi elenkati fl-Artikolu 162(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Minħabba li dawn ir-regolamenti ġew imħassra għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet orizzontali.

(17) Diġa' jeżistu dispożizzjonijiet orizzontali fir-Regolament (KE) Nru 612/2009. Għalhekk huwa xieraq sabiex jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 167(7) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, li r-Regolament jiġi adattat u li jitħassru dawk il-kondizzjonijiet f'dan ir-Regolament.

(18) L-Artikolu 187 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li jistgħu jittieħdu l-passi meħtieġa meta l-kwotazzjonijiet jew prezzijiet fis-suq dinji għal wieħed jew aktar mill-prodotti msemmija fl-Anness I, Parti I ta' dak ir-Regolament jilħaq livell li jisfratta jew jhedded id-disponibbiltà tal-fornitura fis-suq tal-Unjoni u meta din is-sitwazzjoni x'aktarx tkompli jew tiddeterjora. Għal dak il-għan, għandhom ikunu assigurati fornituri suffiċjenti ta' ċereali. Għal dak l-għan jistgħu jinġabru taxxi fuq l-esportazzjoni u jiġi sospiż kompletament jew parzjalment il-ħruġ tal-liċenzji.

(19) Minħabba n-natura mhux kummerċjali tal-miżuri ta' għajnuna għall-ikel tal-Unjoni u nazzjonali pprovduti taħt ftehim internazzjonali jew programmi oħrajn supplimentari, kif ukoll miżuri oħrajn ta' fornitura b'xejn tal-Unjoni, esportazzjonijiet magħmula għal dan il-għan huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tat-taxxa fuq l-esportazzjoni applikabbli għal esportazzjonijiet kummerċjali f'każijiet ta' taħwid fis-suq taċ-ċereali.

(20) Ladarba s-sitwazzjoni kkontemplata fl-Artikolu 187 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 tista' tqum b'avviż relattivament qasir, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tissospendi l-ħruġ tal-liċenzji tal-esportazzjoni fi kwalunkwe ħin.

(21) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

[1] ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Rifuzzjonijiet fuq l-esportazzjoni, taxxi tal-esportazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(a) ta' dan ir-Regolament, u l-ammonti korrettivi msemmija fl-Artikolu 164(4) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 fil-każ tal-prodotti elenkati fl-Anness I, Parti I, punti (a), (b) u (c) ta' dak ir-Regolament, għandhom ikunu ffissati fid-dawl tal-fatturi segwenti, partikolarment:

(a) il-prezzijiet mitluba fis-swieq rappreżentattivi tal-Unjoni u t-tendenzi tagħhom, u l-kwotazzjonijiet irreġistrati fuq is-swieq f'pajjiżi terzi;

(b) l-ispejjeż tal-kummerċjalizzazzjoni u l-ispejjeż l-aktar favorevoli tat-trasport mis-swieq rappreżentattivi tal-Unjoni sal-port jew sal-post ieħor tal-esportazzjoni, u l-ispejjeż tal-konsenji fis-suq dinji;

(c) fil-każ ta' prodotti pproċessati, il-kwantità taċ-ċereali meħtieġa għall-manifattura tagħhom;

(d) il-prospetti għal u l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-bejgħ tal-prodotti relevanti fis-suq dinji;

(e) kura biex ikun evitat id-disturb fis-suq tal-Unjoni;

(f) l-aspett ekonomiku tal-esportazzjonijiet kkontemplati;

(g) il-limiti kwantitattivi u tal-estimi li jirriżultaw minn ftehim konklużi bi qbil mal-Artikolu 218 tat-Trattat.

*L-Artikolu 2*

Id-dispożizzjonijiet tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 166 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandu japplika, b'mod sħiħ jew parzjali għall-prodotti kollha elenkati fl-Anness I, Parti I, punti (c) u (d) ta' dak ir-Regolament u għall-prodotti li hemm referenza dwarhom fl-Anness I, Parti I ta' dak ir-Regolament u esportati fil-forma tal-oġġetti elenkati fil-Parti I tal-Anness XX tiegħu.

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 164(4) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom ikunu applikabbli rigward ċereali u prodotti li huma esportati fil-forma tal-oġġetti elenkati fl-Anness XX ta' dak ir-Regolament.

*L-Artikolu 3*

Ammonti korrettivi jistgħu jvarjaw skont id-destinazzjoni.

*L-Artikolu 4*

1. Ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fuq il-prodotti elenkati f'punti (a) u (c) tal-Parti I tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 u t-taxxi dwar l-esportazzjoni li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 15(a) ta' dan ir-Regolament jistgħu jkunu stabbiliti permezz ta' stedina għall-offerti.

It-termini tal-istedina għall-offerti għandhom jiggarantixxu ugwaljanza tal-aċċess għall-persuni kollha stabbiliti fl-Unjoni.

Dawn l-istediniet għall-offerti għandhom jirrelataw mar-rifużjonijiet jew mat-taxxa tal-esportazzjoni.

2. Id-deċiżjonijiet dwar il-ħruġ tal-istediniet għall-offerti għandhom jittieħdu skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

3. Id-deċiżjonijiet sabiex jinħarġu l-istediniet għall-offerti għandhom ikunu akkumpanjati bil-pubblikazzjoni ta' avviżi ta' stediniet għall-offerti mħejjija mill-Kummissjoni li jistabbilixxu partikolarment id-dati li fihom jistgħu ikunu ppreżentati l-offerti u d-dipartimenti rilevanti tal-Istati Membri ta' fejn għandhom jintbagħtu.

4. Id-deċiżjonijiet biex jinħarġu l-istediniet għall-offerti u avviżi tal-istediniet għall-offerti għandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Mill-anqas ħamest ijiem għandhom jiskorru bejn il-pubblikazzjoni tal-avviż tal-istedina għall-offerti u l-ewwel data għall-preżentazzjoni tal-offerti.

*L-Artikolu 5*

1. Il-partijiet interessati għandhom jippreżentaw l-offerti bil-miktub jew bi kwalunkwe mezz ta' telekomunikazzjoni miktuba lid-dipartiment kompetenti tal-Istat Membru.

2. L-offerti għandhom jindikaw:

(a) ir-riferenza tal-istedina għall-offerta;

(b) l-isem u l-indirizz ta' min jagħmel l-offerta;

(c) it-tip u l-kwantità tal-prodott li jrid ikun esportat;

(d) ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għal kull tunnellata jew, fejn applikabbli, it-taxxa tal-esportazzjoni għal kull tunnellata, espressa f'euro.

3. L-offerti għandhom ikunu validi biss jekk:

(a) tkun ipprovduta prova qabel jiskadi ż-żmien stabbilit għal preżentazzjoni tal-offerti li l-appaltatur ikun ippreżenta l-garanzija tal-offerta;

(b) ikunu akkumpanjati minn obbligazzjoni bil-miktub li jippreżentaw, fir-rigward tal-kwantitajiet mogħtija u fi żmien jumejn minn meta ssir in-notifika tal-għotja permezz tal-Artikolu 7(3), applikazzjoni għal liċenzja tal-esportazzjoni jew, meta applikabbli, applikazzjoni għal liċenzja tal-esportazzjoni bl-iffissar bil-quddiem ta' taxxa fuq l-esportazzjoni ugwali għall-ammont offrut;

(c) ma jkunu jinkludu l-ebda kondizzjonijiet ħlief dawk li hemm provvediment dwarhom fl-avviż tal-istedina għall-offerti.

4. L-offerti ppreżentati ma jistgħux ikunu rtirati.

*L-Artikolu 6*

L-offerti għandhom jinfetħu mid-dipartimenti kompetenti tal-Istati Membri. M'għandhomx jinfetħu fil-pubbliku. Il-persuni awtorizzati li jkunu preżenti għall-ftuħ tal-offerti jkunu taħt l-obbligu tas-segretezza.

Il-Kummissjoni għandha tkun innotifikata minnufih dwar l-offerti mingħajr ma jissemmew l-appaltaturi b'isimhom.

*L-Artikolu 7*

1. Fuq il-bażi tal-offerti nnotifikati, il-Kummissjoni għandha, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, tiddeċiedi li tiffissa r-rifużjonijiet massimi tal-esportazzjoni jew, meta applikabbli, it-taxxa minima tal-esportazzjoni jew li ma tieħux aktar azzjoni dwar l-istedina għall-offerti.

2. Billi rifużjoni ta' esportazzjoni massima hi ffissata, l-kuntratt jingħata lil dak l-appaltatur jew appaltaturi li tefgħu l-offerti li huma ekwivalenti għal jew inqas mir-rifużjoni massima, kif ukoll lil dawk l-offerti ta' dak l-appaltatur jew appaltaturi li tefgħu l-offerti li għandhom x'jaqsmu ma' taxxa ta' esportazzjoni.

Meta t-taxxa minima għall-esportazzjoni tkun stabbilita, il-kuntratt għandu jingħata lill-appaltatur jew lill-appaltaturi li l-offerti tagħhom jkunu ugwali għal jew ogħla mit-taxxa minima.

3. Id-dipartimenti kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnotifikaw lill-appaltaturi kollha bil-mitkub dwar ir-riżultati tal-offerti tagħhom malli l-Kummissjoni tkun ħadet deċiżjoni.

*L-Artikolu 8*

1. Il-liċenzji għall-esportazzjoni għandhom jinħarġu lill-appaltaturi b'suċċess, wara li l-applikazzjonijiet tagħhom għall-liċenzji tal-esportazzjoni jkunu waslu għand id-dipartimenti kompetenti tal-Istati Membri u fir-rigward tal-kwantitajiet mogħtija lilhom.

2. Fis-sezzjoni relevanti tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji, u tal-liċenzji nfushom, għandhom ikunu mistqarra fid-destinazzjoni speċifikata fir-regolament dwar il-ħruġ tal-istedina għall-offerti. Il-liċenzji għandhom jinvolvu l-obbligu li wieħed jesporta lejn id-destinazzjoni ddikjarata.

*L-Artikolu 9*

Il-garanzija fuq l-offerta għandha tkun rilaxxata meta:

(a) l-offerti ma jkunux ġew aċċettati;

(b) l-appaltatur b'suċċess ikun ipprovda prova li l-garanzija li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2003 ([1]) tkun ġiet ippreżentata.

Meta l-impenn li hemm provvediment dwaru fl-Artikolu 5(3)(b) t'hawnhekk ma jkunx imwettaq, il-garanzija fuq l-offerta għandha tkun ikkonfiskata ħlief fil-każi ta' *force majeure*.

([1]) ĠU L 189, 29.7.2003, p. 12.

*L-Artikolu 10*

Ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-prodotti elenkati fl- Anness I, Parti I, punti (a), (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom ikunu stabbiliti għall-inqas darba fix-xahar.

*L-Artikolu 11*

1. Ir-rifużjoni tal-esportazzjoni fuq dqiq tal-qamħ, dqiq tal-meslin, xgħir u barli mitħun oħxon, dqiq tal-qamħ u x-xgħir għandu jkun stabbilit billi jittieħed kont tal-kwalità taċ-ċereali bażiċi meħtieġa biex ikunu mmanifatturati 1 000 kg tal-prodott f'dak il-każ. Il-koeffiċjenti tal-ipproċessar li jesprimu r-relazzjoni bejn il-kwantità tal-prodott bażiku u l-kwantità ta' dak il-prodott li jkun fil-prodott ipproċessat għandhom ikunu kif stipulati fl-Anness I.

2. Il-kontenut tal-irmied tad-dqiq għandu jkun iddeterminat bl-użu tal-metodu tal-analiżi definit fl-Anness II.

*L-Artikolu 12*

Minkejja l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 619/2009, prova li tlestew il-formalitajiet tad-dwana għall-importazzjoni mhijiex ser tintalab f'każi ta' ħlas ta' rifużjoni stabbiliti f'kuntratt li ngħata għar-rifużjoni fuq esportazzjoni lill-pajjiżi terzi kollha, sakemm l-operatur jagħti prova li kwantità ta' mhux inqas minn 1 500 tunnelata ta' prodott taċ-ċereali ħareġ mit-territorju tad-dwana tal-Unjoni abbord ta' bastiment adattat għat-trasport bil-baħar.

Prova bħal din għandha tkun ipprovduta b'waħda mill-formuli msemmija fl-Anness III attestati mill-awtorità kompetenti fuq il-kopja ta' kontroll msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 619/2009, fuq id-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni prevista fl-Artikolu 787 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([2]) jew fuq id-dokument nazzjonali li juri li l-oġġetti jkunu telqu mit-territorju doganali tal-Unjoni.

*L-Artikolu 13*

Meta l-operatur jagħti prova tat-tlestija tal-formalitajiet doganali għar-rilaxx għall-konsum fl-Isvizzera jew fil-Liechtenstein, l-ammont tar-rifuzjoni tal-esportazzjoni lejn "il-pajjiżi terzi kollha" stabbiliti permezz tal-istedina għall-offerti għandu jitnaqqas bid-differenza bejn dak l-ammont u l-ammont tar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-seħħ għad-destinazzjonijiet imsemmija hawn fuq fil-jum meta jingħata l-kuntratt.

*L-Artikolu 14*

Meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 187 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jintlaħqu dwar prodott wieħed jew aktar, il-miżuri segwenti jistgħu jittieħdu:

(a) tista' tiġi applikata taxxa fuq l-esportazzjoni. Ammont korrettiv jista' jkun stabbilit. Taxxi bħal dawn u l-ammonti korrettivi jistgħu jvarjaw skont id-destinazzjoni;

(b) il-ħruġ tal-liċenzji tal-esportazzjoni jista' jkun totalment jew parzjalment sospiż;

(c) l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni pendenti jistgħu jkunu miċħuda totalment jew parzjalment.

([2]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

Madankollu, l-ebda taxxa m'hi se tiġi applikata lill-esportazzjoni taċ-ċereali jew prodotti taċ-ċereali li ssir biex jiġu implimentati miżuri tal-Unjoni u għall-għajnuna għall-ikel nazzjonali pprovduti skont ftehim internazzjonali jew programmi supplimentari oħra, jew biex jiġu implimentati miżuri oħra ta' provvista b'xejn mill-Unjoni.

*L-Artikolu 15*

Meta ma jkun hemm l-ebda stedina għall-offerta, it-taxxa fuq l-esportazzjoni bli għandha tinġabar għandha tkun dik li tkun applikabbli fil-jum meta l-formalitajiet doganali jkunu tlestew.

B'dan kollu, it-taxxi fuq l-esportazzjoni applikabbli dakinhar tal-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-liċenzji għandhom ikunu applikabbli, fuq talba tal-parti kkonċernata magħmula fl-istess waqt tal-applikazzjoni għal-liċenzja, għall-esportazzjonijiet li għandhom jitwettqu matul il-perjodu tal-validità tal-liċenzja.

*L-Artikolu 16*

Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 15 għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Madankollu, f'każ ta' emerġenza, il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri.

*Artikolu 17*

Ir-Regolament (KE) Nru 1501/95 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness V.

*Artikolu 18*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

| | Kodiċi NM | Kontenut ta' rmied (espress f'mg) għal kull 100 g ta' dqiq, xgħir u barli mithuna fl-oħxon u dqiq mill-qlub tal-qamħ | Il-koefiċċjenti tal-ipproċessar li jindikaw l-għadd ta' kilogrammi ta' ċereali kull 1 000 kg ta' prodotti kkonċernati |
|---|---|---|---|
| 1. Dqiq minn qamħ komuni, dqiq tal-Ġermanja jew meslin | 1101 00 15 9100 | 0 sa 600 | 1 370 |
| | 1101 00 15 9130 | 601 sa 900 | 1 280 |
| | 1101 00 15 9150 | 901 sa 1 100 | 1 180 |
| | 1101 00 15 9170 | 1 101 sa 1 650 | 1 090 |
| | 1101 00 15 9180 | 1 651 sa 1 900 | 1 020 |
| 2. Dqiq tax-xgħir | 1101 10 00 9500 | 0 sa 1 400 | 1 370 |
| | 1102 10 00 9700 | 1 401 sa 2 000 | 1 080 |
| 3. Dqiq komuni tax-xgħir u l-barli u mill-qlub tal-qmuħ | 1103 11 90 9200 | 0 sa 600 | 1 370 |
| 4. Qamħ durum mix-xgħir u barli u mill-qlub tal-qmuħ | 1103 11 00 9200 | 0 sa 1 300 (għarbiel b'toqob ta' 0,160 mm) | 1 500 |
| | 1103 11 10 9400 | 0 sa 1 300 | 1 340 |
| | 1103 11 10 9990 | 0 sa 1 300 | 1 260 |
| 5. Xgħir, mhux inkaljat | 1107 10 19 | | 1 270 |
| | 1107 10 99 | | |
| Xgħir, inkaljat | 1107 20 00 | | 1 490 |

*ANNESS II*

**Metodu li bih ikun iddeterminat il-kontenut ta' rmied fid-dqiq**

L-APPARAT

1. Mwieżen tal-laboratorji sensitivi sa 0,1 mg, kaxxa ta' piżijiet korrispondenti.

2. Forn fgat tal-elettriku, b'kurrent adegwat u arloġġ tal-kejl tat-temperatura u regolatur.

3. Dixxijiet tondi bil-qiegħ ċatt għall-inċinerazzjoni, (b'dijametru ta' xi 5 ċm, u għoli massimu ta' 2 ċm); preferibbilment ta' liga tad-deheb jew platinum jew tal-kwarz jew tal-porċellana.

4. Dessikatur (b'dijametru intern ta' xi 18 ċm) li jkun mgħammar b'għonq u pjanċa mtaqqab, tal-porċellana jew aluminju.

   Aġent ta' deidrazzjoni: kloridu tal-kalċju, pentossidu tal-fosforu jew ġelatina tas-silika b'lewn ikħal.

METODU

1. Il-piż tal-kampjun tat-test għandu jkun ta' bejn 5 u 6 g. Meta jkun dqiq li minnu l-kontenut ta' rmied b'referenza għal materja xotta x'aktarx li jkun aktar minn 1 %, il-piż tal-kampjun tat-test għandu jkun bejn 2 u 3 g. Il-piż tal-kampjun tat-test jista' jkun imressaq lejn l-eqreb 10 mg; il-kwantitajiet l-oħra kollha għandhom jintiżnu sal-eqreb 0,1 mg.

2. Immedjatament qabel l-użu d-dixxijiet għandhom ikunu msaħħna fil-forn fgat fit-temperatura tal-inċinerazzjoni sa piż kostanti; perjodu ta' 15-il minuta normalment huwa suffiċjenti.

   Id-dixxijiet imbagħad jitkessħu fid-dessikatur sat-temperatura tal-laboratorju skont il-kondizzjonijiet indikati fil-punt 7.

3. Poġġi l-kampjun tat-test fid-dixx u ferrxu f'saff ċatt, mingħajr munzelli. Immedjatament qabel l-inċinerazzjoni xarrab ħafif il-kampjun tat-test b' 1 sa 2 ml ta' alkoħol etiliku.

4. Poġġi d-dixxijiet fil-bokka tal-forn, u ħallih bil-bieb miftuħ. Meta s-sustanza ma tibqax aktar bi fjamma, imbotta d-dixxijiet fil-forn. Meta l-bieb tal-forn ikun ingħalaq, għandu jinżamm kurrent adegwat, imma mhux daqshekk qawwi li jtajjar is-sustanza mid-dixxijiet.

5. L-inċinerazzjoni għandha tirriżulta fil-kombustjoni totali tad-dqiq, inklużi xi partiċelli tan-nugrufun fost l-irmied. Għandu jkun meqjus imwettaq meta r-residwu jkun kważi abjad wara li jiksaħ.

6. It-temperatura tal-inċinerazzjoni għandha tilħaq 900 °C.

7. Meta l-inċinerazzjoni tkun imwettqa, neħħi d-dixxijiet mill-forn u qegħdhom fuq folja tal-eternit għal xi minuta biex jiksħu, imbagħad qegħdhom fid-dessikatur (mhux aktar minn erba' dixxijiet f'daqqa). Id-dessikatur magħluq jitqiegħed ħdejn il-miżien tal-analiżi. Iżen id-dixxijiet meta jkunu kompletament keshin (xi siegħa).

RIŻULTATI

1. Marġini ta' żball: jekk il-kontenut tal-irmied ma jeċċedix 1 %, ir-riżultati ta' test doppju m'għandux ivarja b'aktar minn 0,02 unitajiet tal-kontenut tal-irmied; jekk il-kontenut tal-irmied jeċċedi l-1 %, id-differenza m'għandhiex teċċedi t-2 % tal-kontenut tal-irmied. Jekk id-differenza teċċedi dawn il-limiti t-test għandu jkun irripetut.

2. Il-kontenut tal-irmied għandu jkun espress għal kull 100 parti ta' materja xotta u mressqa sa 0,01.

*ANNESS III*

**Formuli msemmija fl-Artikolu 12, it-tieni subparagrafu**

— *bil-Bulgaru:* Износ на зърнени култури по море — член 12 от Регламент (ЕС) № 234/2010

— *bl-Ispanjol:* Exportación de cereales por vía marítima; artículo 12 del Reglamento (UE) nº 234/2010

— *biċ-Ċek:* Vývoz obilovin po moři – článek 12 nařízení (EU) č. 234/2010

— *bid-Daniż:* Eksport af korn ad søvejen — Artikel 12 i forordning (EU) nr. 234/2010

— *bil-Ġermaniż:* Ausfuhr von Getreide auf dem Seeweg — Verordnung (EU) Nr. 234/2010 Artikel 12

— *bl-Eston:* Teravilja eksport meritsi – määruse (EL) nr 234/2010 artikkel 12

— *bil-Grieg:* Εξαγωγή σιτηρών δια θαλάσσης — Άρθρο 12 του κανονισμού (ΕΕ) αριθ. 234/2010

— *bl-Ingliż:* Export of cereals by sea — Article 12 of Regulation (EU) No 234/2010

— *bil-Franċiż:* Exportation de céréales par voie maritime — Règlement (UE) nº 234/2010, article 12

— *bit-Taljan:* Esportazione di cereali per via marittima — Regolamento (UE) n. 234/2010, articolo 12

— *bil-Latvjan:* Graudu izvešana pa jūras ceļiem – Regulas (ES) Nr. 234/2010 12. pants

— *bil-Litwan:* Grūdų eksportas jūra – reglamento (ES) Nr. 234/2010 12 straipsnis

— *bl-Ungeriż:* Gabonafélék exportja tengeri úton – 2010/234/EU rendelet 12. cikk

— *bil-Malti:* Esportazzjoni ta' ċereali bil-baħar – Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 234/2010

— *bl-Olandiż:* Uitvoer van graan over zee — Verordening (EU) nr. 234/2010, artikel 12

— *bil-Pollakk:* Wywóz zbóż drogą morską – Art. 12 rozporządzenia (UE) nr 234/2010

— *bil-Portugiż:* Exportação de cereais por via marítima — Artigo 12.º, Regulamento (UE) n.º 234/2010

— *bir-Rumen:* Export de cereale pe cale maritimă – Regulamentul (UE) nr. 234/2010 articolul 12

— *bis-Slovakk:* Vývoz obilnín po mori — článok 12 nariadenia (EÚ) č. 234/2010

— *bis-Sloven:* Izvoz žit s pomorskim prometom – člen 12 Uredbe (EU) št. 234/2010

— *bil-Finlandiż:* Viljan vienti meriteitse – Asetus (EU) N:o 234/2010 12 artikla

— *bl-Iżvediż:* Export av spannmål sjövägen – Artikel 12 i förordning (EU) nr 234/2010.

*ANNESS IV*

**Regolament imħassar flimkien mal-emendi suċċessivi tiegħu**

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1501/95 ([1])<br>(ĠU L 147, 30.6.1995, p. 7) | |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2480/95<br>(ĠU L 256, 26.10.1995, p. 9) | |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 95/96<br>(ĠU L 18, 24.1.1996, p. 10) | |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1259/97<br>(ĠU L 174, 2.7.1997, p. 10) | |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2052/97<br>(ĠU L 287, 21.10.1997, p. 14) | |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2513/98<br>(ĠU L 313, 21.11.1998, p. 16) | |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 602/2001<br>(ĠU L 89, 29.3.2001, p. 16) | |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1163/2002<br>(ĠU L 170, 29.6.2002, p. 46) | |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1431/2003<br>(ĠU L 203, 12.8.2003, p. 16) | |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 777/2004<br>(ĠU L 123, 27.4.2004, p. 50) | l-Artikolu 3 biss |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1996/2006<br>(ĠU L 398, 30.12.2006, p. 1) | l-Artikolu 5 biss |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 499/2008<br>(ĠU L 146, 5.6.2008, p. 9) | l-Artikolu 1 biss |

---

([1]) Dan ir-Regolament ġie wkoll emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2094/98 (ĠU L 266, 1.10.1998, p. 61) li ġie mħassar bir-Regolament (KE) Nru 2513/98 (ĠU L 313, 21.11.1998, p. 16).

*ANNESS V*

**Tabella ta' Korrelazzjoni**

| Regolament (KE) Nru 1501/95 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikoli 1 sa 11 | Artikoli 1 sa 11 |
| Artikolu 12 | — |
| Artikolu 13 | Artikolu 12 |
| Artikolu 13 bis | — |
| Artikolu 14 | Artikolu 13 |
| Artikolu 15 | Artikolu 14 |
| Artikolu 16 | Artikolu 15 |
| Artikolu 17 | Artikolu 16 |
| Artikolu 18 | — |
| Artikolu 19 | — |
| — | Artikolu 17 |
| — | Artikolu 18 |
| Anness I | Anness I |
| Anness II | Anness II |
| Anness III | Anness III |
| — | Anness IV |
| — | Anness V |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 235/2010

## tad-19 ta' Marzu 2010

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Marzu 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 106,9 |
| | JO | 59,9 |
| | MA | 74,6 |
| | TN | 128,3 |
| | TR | 103,8 |
| | ZZ | 94,7 |
| 0707 00 05 | JO | 121,4 |
| | MK | 124,9 |
| | TR | 131,0 |
| | ZZ | 125,8 |
| 0709 90 70 | JO | 97,9 |
| | MA | 177,1 |
| | TR | 94,4 |
| | ZZ | 123,1 |
| 0805 10 20 | EG | 41,0 |
| | IL | 57,7 |
| | MA | 47,0 |
| | TN | 55,5 |
| | TR | 62,7 |
| | ZZ | 52,8 |
| 0805 50 10 | EG | 76,3 |
| | IL | 91,6 |
| | MA | 42,8 |
| | TR | 65,4 |
| | ZZ | 69,0 |
| 0808 10 80 | AR | 89,5 |
| | BR | 86,5 |
| | CA | 95,5 |
| | CL | 93,7 |
| | CN | 69,7 |
| | MK | 24,7 |
| | US | 117,4 |
| | UY | 70,1 |
| | ZZ | 80,9 |
| 0808 20 50 | AR | 81,2 |
| | CL | 59,5 |
| | CN | 45,4 |
| | ZA | 88,1 |
| | ZZ | 68,6 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 236/2010

## tad-19 ta' Marzu 2010

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2009/10 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 877/2009 ([3]). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 224/2010 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Marzu 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 253, 25.9.2009, p. 3.
([4]) ĠU L 68, 18.3.2010, p. 5.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mill-20 ta’ Marzu 2010**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 35,58 | 0,61 |
| 1701 11 90 (1) | 35,58 | 4,23 |
| 1701 12 10 (1) | 35,58 | 0,48 |
| 1701 12 90 (1) | 35,58 | 3,93 |
| 1701 91 00 (2) | 37,99 | 6,24 |
| 1701 99 10 (2) | 37,99 | 2,94 |
| 1701 99 90 (2) | 37,99 | 2,94 |
| 1702 90 95 (3) | 0,38 | 0,29 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/19/UE

**tad-9 ta' Marzu 2010**

**li temenda, għall-għanijiet ta' adattament għall-progress tekniku fil-qasam tas-sistemi tat-trażżin tal-isprej ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, id-Direttiva tal-Kunsill 91/226/KEE, u d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2007/46/KE tas-27 ta' Marzu 1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi ("Direttiva Kwadru") [1] , u b'mod partikolari l-Artikolu 39 (2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 91/226/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mas-sistemi ta' trażżin tal-isprej ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [2] hija waħda mid-direttivi separati fil-kuntest tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip KE stabbilita skont id-Direttiva 2007/46/KE. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2007/46/KE dwar sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għall-vetturi għalhekk japplikaw għad-Direttiva 91/226/KEE.

(2) Fid-dawl tal-applikazzjoni obbligatorja tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip KE għall-kategoriji kollha ta' vetturi koperti bid-Direttiva 2007/46/KE, jeħtieġ li jiġu pprovduti rekwiżiti armonizzati fir-rigward tat-trażżin tal-isprej għall-kategoriji kollha ta' vetturi koperti bid-Direttiva 91/226/KEE. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi ċċarat li dawn ir-rekwiżiti mhumiex obbligatorji għall-vetturi off-road. Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-esperjenza miksuba, jeħtieġ li d-Direttiva 91/226/KEE u, bħala konsegwenza, l-Anness IV tad-Direttiva 2007/46/KE għall-progress tekniku jiġu addattati.

(3) Id-Direttivi 91/226/KEE u 2007/46/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(4) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Tekniku - Vetturi bil-Mutur,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 91/226/KEE se tiġi emendata kif ġej:

(1) il-Lista tal-Annessi u l-Annessi I, II, u III huma emendati skont l-Anness I ta' din id-Direttiva;

(2) L-Anness mingħajr numru bl-isem ta' "Figuri" jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness II ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

L-annotazzjoni 43 tal-Anness IV u l-Anness XI, l-Appendiċijiet 2 u 4 tad-Direttiva 2007/46/KE se jinbidlu b'li ġej:

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "43 | Sistemi ta' trażżin tar-raxx | Direttiva 91/226/KEE | L 103, 23.4.1991, p. 5. | | | | X | X | X | X | X | X | X" |

(1) ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.
(2) ĠU L 103, 23.4.1991, p. 5.

*Artikolu 3*

1. B'effett mid-9 ta' April 2011 l-Istati Membri, għal raġunijiet ta' trażżin tar-raxx, ma għandhomx jiċħdu li jagħtu approvazzjoni tat-tip KE jew nazzjonali lil vettura jew komponent konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 91/226/KEE kif emendata b'din id-Direttiva.

2. B'effett mid-9 ta' April 2011 l-Istati Membri, għal raġunijiet ta' trażżin tar-raxx, għandhom jiċħdu li jagħtu approvazzjoni tat-tip KE jew nazzjonali lil vettura jew komponent mhux konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 91/226/KEE kif emendata b'din id-Direttiva.

3. Fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip KE ta' vettura sħiħa skont id-Direttiva 2007/46/KE, it-tipi ta' vettura li ngħataw approvazzjoni tat-tip nazzjonali jew tal-KE li tkopri t-trażżin tar-raxx, ma għandhomx għalfejn ikunu konformi mar-rekwiżiti tat-trażżin tar-raxx stabbiliti fid-Direttiva 91/226/KEE.

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mit-8 ta' April 2011, il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu f'konformità ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mit-8 ta' April 2011.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, id-9 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

1. Il-Lista tal-Annessi tad-Direttiva 91/226/KEE tiġi emendat kif ġej:

(a) it-titlu marbut mal-Appendiċi 3 tal-Anness II jinbidel b'dan li ġej:

"Dokument ta' informazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip KE tal-komponenti";

(b) It-titolu marbut mal-Anness III jinbidel b'dan li ġej:

"Anness III: Rekwiżiti dwar l-approvazzjoni tat-tip KE ta' vettura fir-rigward tat-tqegħid ta' sistemi ta' trażżin tar-raxx

Appendiċi 1: Dokument ta' informazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip KE ta' vettura

Appendiċi 2: Mudell taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip KE tal-vetturi";

(c) il-linja "ĊIFRI: (1 sa 9)" tinbidel b'dan li ġej:

"L-Anness V: Figuri 1 sa 9".

2. L-Anness I tad-Direttiva 91/226/KEE huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punti 9, 10 u 11 jinbidlu b'dan li ġej:

"9. *Fus li jista' jiġi miġbud lura*

'Fus li jista' jiġi miġbud lura' tfisser fus kif iddefinit fl-Anness I punt 2.15 tad-Direttiva 97/27/KE.

10. *Vettura mhux mgħobbija*

'Vettura mhux mgħobbija' tfisser vettura li taħdem kif iddefinit fil-punt 2.6 tal-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill (*).

11. *Il-profil ta' wiċċ it-tajer*

"Il-profil ta' wiċċ it-tajer" hija l-parti tat-tajer kif iddefinit fil-punt 2.8 tal-Anness II tad-Direttiva 92/23/KEE.

(*) ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.";

(b) Jiżdiedu l-punti 13, 14 u 15:

"13. *Vettura tal-irmonk tas-semitrailers*

'Vettura tal-irmonk tas-semitrailers' tfisser vettura tal-irmonk kif iddefinit fil-punt 2.1.1.2.2. tal-Anness I tad-Direttiva 97/27/KE.

14. *Massa ta' tagħbija massima teknikament permissibbli.*

'Il-massa ta' tagħbija massima teknikament permissibbli' tfisser il-massa massima tal-vettura kif iddefinit fil-punt 2.6 tal-Anness I tad-Direttiva 97/27/KE.

15. *Tip ta' vettura*

'Tip ta' vettura' tfisser, fir-rigward tat-trażżin tar-raxx, vetturi kompluti, mhux kompluti jew ikkompletati, li mhumiex differenti fir-rigward tal-aspetti li ġejjin:

— it-tip ta' strument ta' trażżin tar-raxx (installat fuq il-vettura),

— tismija tat-tip tas-sistema ta' trażżin tar-raxx tal-manifattur."

3. L-Anness II tad-Direttiva 91/226/KEE huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punti 2 sa 3.4.3. jinbidlu b'dan li ġej:

"2. **Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip KE tal-komponenti**

2.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip KE tal-komponenti skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2007/46/KE ta' tip ta' strument għat-trażżin tar-raxx għandha tintbagħat mill-manifattur.

2.2. Mudell tad-dokument ta' informazzjoni jinsab fl-Appendiċi 3.

2.3. Dawn li ġejjin għandhom jintbagħtu lis-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip:

Erba' kampjuni: tlieta minnhom għat-testijiet u r-raba' biex jinżamm mil-laboratorju għal xi verifika sussegwenti. Il-laboratorju tat-testijiet jista' jeħtieġ aktar kampjuni.

2.4. Immarkar

Kull kampjun irid jiġi mmarkat b'mod ċar u li ma jitħassarx bl-isem jew il-marka tad-ditta u indikazzjoni tattip u jinkludi spazju li jkun kbir biżżejjed għall-marka tal-approvazzjoni tat-tip KE għall-komponenti.

3. **Għoti ta' approvazzjoni tat-tip KE għall-komponenti**

3.1. Jekk ir-rekwiżiti rilevanti jiġu sodisfatti, l-approvazzjoni tat-tip KE skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2007/46/KE għandha tingħata.

3.2. Mudell għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip KE jinsab fl-Appendiċi 4.

3.3. Numru ta' approvazzjoni f'konformità mal-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE għandu jingħata lil kull tip ta' strument ta' trażżin tar-raxx approvat. L-istess Stat Membru ma għandux jassenja l-istess numru għal xi tip ieħor ta' strument ta' trażżin tar-raxx.

3.4. Kull strument ta' trażżin tar-raxx f'konformità ma' tip approvat skont din id-Direttiva għandu jkollu marka ta' approvazzjoni tat-tip KE għall-komponenti li tkun imwaħħla b'mod li ma titħassarx u li tinqara malajr anke meta l-istrument jitqiegħed fil-vettura.

3.5. Is-simbolu 'A' għal strumenti tat-tip li jtaffu l-enerġija jew 'S' għal strumenti tat-tip tas-separatur arja/ilma għandhom jiżdiedu mal-marka ta' approvazzjoni skont il-punt 1.3. tal-Appendiċi tal-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE."

(b) L-appendiċijiet 1 sa 4 jinbidlu b'dan li ġej:

*"Appendiċi 1*

**Testijiet fuq strumenti għat-trażżin tar-raxx tat-tip li jtaffu l-enerġija**

1. *Il-prinċipju*

L-għan ta' dan it-test huwa li tiġi kkwantifikata l-ħila ta' strument li jilqa' fih l-ilma mmirat lejh permezz ta' sensiela ta' ġettijiet. L-apparat tat-test huwa maħsub biex joħloq mill-ġdid il-kundizzjonijiet li fihom l-istrument se jitħaddem meta jitqiegħed fuq vettura fir-rigward tal-volum u l-veloċità tal-ilma li jitla' mill-art millprofil ta' wiċċ it-tajer.

2. *Tagħmir*

Ara Figura 8 fl-Anness V għal deskrizzjoni tal-apparat tat-test.

3. *Kundizzjonijiet tat-test*

3.1. It-testijiet iridu jitwettqu f'kamra magħluqa b'ambjent ta' arja qiegħda.

3.2. It-temperatura tal-ambjent u t-temperatura tal-biċċiet tat-test trid tkun 21 (± 3) °C.

3.3. Irid jintuża ilma dejonizzat.

3.4. Il-biċċiet tat-test iridu jitlestew għal kull test bit-tixrib.

4. *Proċedura*

4.1. Orbot tajjeb kampjun wiesa' 500 (+ 0/– 5) mm u għoli 750 mm tat-tagħmir li jrid jiġi ttestjat mal-pjanċa vertikali tat-tagħmir ta' ttestjar, filwaqt li tiżgura li l-kampjun jinsab sewwa fi ħdan il-limiti tar-reċipjent fejn jinġema' l-ilma, u li ebda ostaklu ma jista' jtajjar l-ilma 'l bogħod, kemm qabel kif ukoll wara l-impatt.

4.2. Irregola r-rata tal-fluss tal-ilma għal 0,675 (+/– 0,01) l/s u mmira tal-inqas 90 1 u tal-aktar 120 1 għal fuq il-kampjun minn distanza orizzontali ta' 500 (+/– 2) mm (Figura 8 tal-Anness V).

4.3. Ħalli l-ilma jqattar mill-kampjun fir-reċipjent tal-ilma. Ikkalkula l-perċentwali ta' ilma miġbur imqabbel mal-kwantità ta' ilma li jtir bħala raxx.

4.4. Irrepeti t-test ħames darbiet fuq il-kampjun skont il-punti 4.2 u 4.3. Ikkalkula l-perċentwali medja tas-sensiela ta' ħames testijiet.

5. *Riżultati*

5.1. Il-perċentwali medja kkalkulata fil-punt 4.4 trid tkun 70 % jew iktar.

5.2. Jekk fi ħdan sensiela ta' ħames testijiet l-ogħla perċentwali u l-perċentwali l-iktar baxxa ta' ilma miġbur jitbiegħdu mill-perċentwali medja b'aktar minn 5 %, is-sensiela ta' ħames testijiet iridu jerġgħu jsiru.

Jekk fi ħdan it-tieni sensiela ta' ħames testijiet l-ogħla perċentwali u l-perċentwali l-iktar baxxa ta' ilma miġbur għal darb'oħra jitbiegħdu mill-perċentwali medja b'aktar minn 5 % u jekk l-iżgħar valur ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-punt 5.1., ma għandhiex tingħata l-approvazzjoni tat-tip.

5.3. Ittestja jekk il-pożizzjoni wieqfa tal-istrument tinfluwenzax ir-riżultati miksuba. Jekk dan ikun il-każ, il-proċedura deskritta fil-punti 4.1 sa 4.4 trid terġa' ssir fil-pożizzjoni li tagħti l-ogħla perċentwali u l-perċentwali l-iktar baxxa ta' ilma miġbur; ir-rekwiżiti tal-punt 5.2 jibqgħu fis-seħħ.

Il-medja tar-riżultati individwali għandha mbagħad tittieħed biex toħroġ il-perċentwali medja. Din il-perċentwali medja trid tkun ta' 70 jew iktar.

---

*Appendiċi 2*

**Testijiet fuq strumenti għat-trażżin tar-raxx tat-tip tas-separatur arja/ilma**

1. *Il-prinċipju*

Dan it-test huwa maħsub biex tiġi ddeterminata l-effikaċja ta' materjal poruż maħsub biex iżomm fih l-ilma li jitraxxex fuqu permezz ta' pulverizzatur ilma/arja li jaħdem bil-pressa.

It-tagħmir li jintuża għat-test irid joħloq mill-ġdid il-kundizzjonijiet li fihom isib ruħu l-materjal, fir-rigward ta' volum u veloċità tar-raxx tal-ilma ġġenerat mit-tajers, kieku kellu jitqiegħed fuq vettura.

2. *Tagħmir*

Ara Figura 9 fl-Anness V għal deskrizzjoni tal-apparat tat-test.

3. *Kundizzjonijiet tat-test*

3.1. It-testijiet iridu jitwettqu f'kamra magħluqa b'ambjent ta' arja qiegħda.

3.2. It-temperatura tal-ambjent u t-temperatura tal-biċċiet tat-test trid tkun 21 (± 3) °C.

3.3. Irid jintuża ilma dejonizzat.

3.4. Il-biċċiet tat-test iridu jitlestew għal kull test bit-tixrib.

4. *Proċedura*

4.1. Orbot kampjun 305 × 100 mm bil-wieqaf fl-apparat tat-test, ivverifika li m'hemmx spazju bejn il-kampjun u l-pjanċa milwija ta' fuq u li t-trej jinsab sewwa f'postu. Imla t-tank tal-pulverizzatur b'1 ± 0,005 litri ta' ilma u dan qiegħdu kif deskritt fid-dijagramma.

4.2. Il-pulverizzatur irid jiġi regolat kif ġej:

pressjoni (fil-pulverizzatur): 5 bar + 10 %/– 0 %

rata ta' fluss: 1 litru/minuta ± 5 sekondi

pulverizzazzjoni: ċirkulari, 50 ± 5 mm bħala dijametru b'distanza ta' 200 ± 5 mm mill-kampjun, żennuna 5 ± 0,1 mm bħala dijametru.

4.3. Ippulverizza sakemm ma jibqax aktar ilma u żomm nota tal-ħin meħud. Ħalli l-ilma joħroġ mill-kampjun fit-trej għal 60 sekonda u kejjel il-volum ta' ilma miġbur. Kejjel il-kwantità ta' ilma li jibqa' fit-tank tal-pulverizzatur. Ikkalkula l-perċentwali bil-volum ta' ilma miġbur imqabbel mal-volum ta' ilma ppulverizzat.

4.4. Irrepeti t-test ħames darbiet u kkalkula l-perċentwali medja tal-kwantità miġbura. Ivverifika qabel kull test li t-trej, it-tank tal-pulverizzatur u l-kontenitur tal-kejl ikunu nixfin.

5. *Riżultati*

5.1. Il-perċentwali medja kkalkulata fil-punt 4.4 trid tkun 85 % jew aktar.

5.2. Jekk fi ħdan sensiela ta' ħames testijiet l-ogħla perċentwali u l-perċentwali l-iktar baxxa ta' ilma miġbur jitbiegħdu mill-perċentwali medja b'aktar minn 5 %, is-sensiela ta' ħames testijiet jridu jsiru mill-ġdid. Jekk fi ħdan it-tieni sensiela ta' testijiet l-ogħla perċentwali u l-perċentwali l-iktar baxxa ta' ilma miġbur għal darb'oħra jitbiegħdu mill-perċentwali medja b'aktar minn 5 % u l-iżgħar valur ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-punt 5.1., ma għandhiex tingħata l-approvazzjoni tat-tip.

5.3. Fejn il-pożizzjoni wieqfa tal-istrument tinfluwenza r-riżultati miksuba, il-proċedura deskritta fil-punti 4.1 sa 4.4 trid issir mill-ġdid fil-pożizzjonijiet li jagħtu l-ogħla perċentwali u l-iktar perċentwali baxxa ta' ilma miġbur; ir-rekwiżiti tal-punt 5.2 jibqgħu fis-seħħ.

Ir-rekwiżit tal-punt 5.1 jibqa' fis-seħħ biex jingħataw ir-riżultati ta' kull test.

---

*Appendiċi 3*

Dokument ta' informazzjoni Nru … marbut mal-approvazzjoni tat-tip KE tal-komponenti ta' strumenti ta' trażżin tar-raxx (Direttiva 91/226/KEE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk applikabbli, trid tiġi pprovduta fi tliet kopji u trid tinkludi werrej. Kull disinn irid jiġi pprovdut fi skala adatta u b'dettall suffiċjenti fuq daqs A4 jew fuq folder ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, iridu juru dettall suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati għandhom kontrolli elettroniċi, trid tiġi pprovduta l-informazzjoni dwar it-tħaddim tagħhom.

0. ĠENERALI

0.1. Il-marka (l-isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2. Tip:

0.5. Isem u indirizz tal-manifattur:

0.7. Fil-kaz ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, post u metodu ta' twaħħil tal-marka ta' approvazzjoni KE:

0.8. L-indirizz(i) tal-impjant(i) tal-immuntar:

1. DESKRIZZJONI TAL-ISTRUMENT

1.1. Deskrizzjoni teknika tal-istrument ta' trażżin tar-raxx li tindika l-prinċipju fiżiku operattiv u t-test rilevanti li għalih irid jiġi suġġett.

1.2. Materjali użati:

1.3. Disinn(i) b'biżżejjed dettall u ta' skala xierqa biex dan (jew dawn) jiġi/jiġu identifikat/i. Id-disinn irid juri l-ispazju maħsub għall-marka tal-approvazzjoni tat-tip KEE tal-komponenti:

Data

Iffirmat

*Appendiċi 4*

MUDELL

(Format massimu: A4 (210 x 297 mm))

**ĊERTIFIKAT TA’ APPROVAZZJONI TAT-TIP KE**

| Timbru tal-awtorità ta' approvazzjoni tat-tip |
|---|

Komunikazzjoni li tikkonċerna:

— Approvazzjoni tat-tip KE

— Estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip KE

— Ċaħda tal-approvazzjoni tat-tip KE

— Revoka tal-approvazzjoni tat-tip KE

ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata ([1]) f'dak li jirrigwardja d-Direttiva 91/226/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/19/UE ([2])

Numru tal-approvazzjoni tat-tip:

Raġuni għall-estensjoni:

TAQSIMA I

0.1. Il-marka (l-isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2. Tip:

0.3. Mezz ta’ identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata ([1]) ([3])

0.3.1. Fejn jinsab l-immarkar:

0.4. Kategorija ta' vettura ([4])

0.5. Isem u indirizz tal-manifattur:

0.7. Fil-kaz ta’ komponenti u unitajiet tekniċi separati, post u metodu ta’ twaħħil tal-marka ta’ approvazzjoni KE:

0.8. L-indirizz(i) tal-impjant(i) tal-immuntar:

TAQSIMA II

1. Tagħrif addizzjonali (fejn applikabbli): Ara l-Addendum

2. Is-servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet:

3. Id-data tar-rapport tat-test:

4. In-numru tar-rapport tat-test:

5. Rimarki (jekk hemm): Ara l-Addendum

6. Post:

7. Data:

8. Firma:

9. Qed jiġi mehmuż l-indiċi tal-pakkett ta' informazzjoni ddepożitat mal-awtorità għall-approvazzjoni, li tista' tintalab kopja tiegħu.

([1]) Ħassar fejn ma japplikax.

([2]) ĠU L 72, 20.3.2010, p. 17.

([3]) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex rilevanti għad-deskrizzjoni tal-vettura, ta' komponent jew ta' tipi ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: ‘?’ (pereżempju ABC??123??).

([4]) Kif definit fl-Anness II A tad-Direttiva 2007/46/KE.

*Addendum*

**għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip KE Nru … dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tal-istrumenti ta' trażżin tar-raxx fir-rigward tad-Direttiva 91/226/KEE, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2010/19/UE**

1. Informazzjoni addizzjonali

1.1. Prinċipju operattiv tal-istrument: separatur assorbiment ta' enerġija/arja/ilma ([1]):

1.2. Karatteristiċi tal-istrumenti ta' trażżin tar-raxx (deskrizzjoni fil-qosor, marka jew isem, numru/i):

5. Rimarki (jekk hemm):

([1]) Ħassar fejn ma japplikax."

4. L-Anness III tad-Direttiva 91/226/KEE jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-punti 0.1 u 0.2 jinbidlu b'dan li ġej:

"AMBITU

0.1. Il-vetturi tal-kategorija N u O, għajr għall-vetturi off-road kif iddefinit fl-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE, għandhom jinbnew u/jew ikollhom fuqhom sistemi ta' trażżin tar-raxx b'tali mod li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Anness. Fil-każ ta' vetturi bix-xażi/kabina, dawn ir-rekwiżiti jistgħu jiġu applikati biss għar-roti mgħottija mill-kabina.

Għall-vetturi tal-kategorija N1 u N2 b'massa ta' tagħbija massima permissibbli li ma taqbiżx 7.5 tunnellati, ir-rekwiżiti tad-Direttiva 78/549/KEE (*) jistgħu jiġu applikati bħala alternattiva għar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva fuq talba tal-manifattur.

0.2. Ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness marbuta mal-istrumenti tat-trażżin tar-raxx, kif iddefinit fil-punt 4 tal-Anness I, mhumiex mandatorji għall-vetturi tal-katogoriji N, $O_1$ u $O_2$ b'massa ta' tagħbija massima permissibbli li ma taqbiżx 7.5 tunnellati, vetturi bix-xażi/kabina, vetturi mingħajr bodi jew vetturi li fuqhom il-preżenza ta' strumenti ta' trażżin tar-raxx tkun inkompatibbli mal-użu tagħhom. Iżda, jekk dawn l-istrumenti jitqiegħdu fuq dawn il-vetturi, iridu jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

(*) ĠU L 168, 26.6.1978, p. 45.";

(b) Il-punt 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. **Pożizzjoni tal-valance ta' barra**

Id-distanza 'c' bejn il-wiċċ lonġitudinali tanġenzjali mal-wiċċ ta' barra tat-tajer, apparti minn xi nefħa fit-tajer qrib l-art, u t-tarf ta' ġewwa tal-valance ma jistax jaqbeż il-100 mm (Figuri 1a u 1b tal-Anness V).";

(c) Il-punti 4.1. u 4.2 huma mħassra;

(d) Il-punt 7.1.1. jinbidel b'dan li ġej:

"7.1.1. Il-madgards iridu jgħattu ż-żona minnufih fuq in-naħa ta' fuq, ta' quddiem u ta' wara t-tajer jew tajers bil-mod li ġej:

(a) fil-każ ta' fus wieħed jew aktar minn fus wieħed, it-tarf ta' quddiem (C) irid jinġibed 'il quddiem biex jilħaq linja O-Z fejn ϑ (theta) ma tkunx aktar minn 45° 'il fuq mill-orizzontali.

It-tarf ta' wara nett (Figura 2 tal-Anness V) irid jinġibed 'l isfel b'mod li ma jkunx aktar minn 100mm 'il fuq minn linja orizzontali li tgħaddi miċ-ċentru tar-rota;

(b) fil-każ ta' aktar minn fus wieħed l-angolu ϑ huwa marbut biss mal-fus ta' quddiem nett u r-rekwiżit marbut mal-għoli tat-tarf ta' wara nett japplika biss għall-fus ta' wara nett;

(c) il-madgard irid ikollu wisa' totali 'q' (figura 1a tal-Anness V) li tkun tal-inqas biżżejjed biex tgħatti l-wisa' tat-tajer 'b' jew il-wisa' kollha taż-żewġ tajers 't' fil-każ ta' roti doppji, filwaqt li jittieħed kont tal-estremitajiet għall-unità tajer/rota speċifikata mill-manifattur. Id-dimensjonijiet 'b' u 't' għandhom jitkejlu mal-għoli tal-ħabb, esklużi xi marki, strixxi, faxxi ta' protezzjoni, eċċ, fuq il-ġnub tat-tajer.";

(e) Il-punt 7.1.3. jinbidel b'dan li ġej:

"7.1.3. Jekk il-madgards ikunu magħmula minn ħafna komponenti, meta jitqiegħdu, dawn ma għandux ikun fihom xi ftuħ li jippermetti lir-raxx joħroġ waqt li l-vettura tkun miexja. Dan ir-rekwiżit jitqies bħala li huwa sodisfatt jekk, meta l-vettura tkun mgħobbija jew mhux mgħobbija, kull titjir radjali li jispara 'l barra miċ-ċentru tar-rota minn fuq il-wisa' kollha tal-wiċċ tat-tajer li jkun qed idur u fi ħdan il-medda mgħottija mill-madgard jolqot dejjem xi parti mis-sistema tat-trażżin tar-raxx.";

(f) Il-punti 7.2.1, 7.2.2 u 7.2.3 jinbidlu b'dan li ġej:

"7.2.1. Fil-każ ta' fus wieħed, it-tarf ta' taħt tal-valance ta' barra ma jistax ikun lil hinn mid-distanzi jew ir-raġġi li ġejjin, kif jitkejjel miċ-ċentru tar-rota, għajr għat-trufijiet ta' taħt nett li jistgħu jkunu għat-tond (Figura 2 tal-Anness V).

Sospensjoni tal-arja:

(a) Fusien ma' sterings jew roti self-stering:
Mit-tarf ta' quddiem (lejn in-naħa ta' quddiem tal-vettura) (il-ponta C)
Lejn it-tarf ta' wara (lejn in-naħa ta' wara tal-vettura) (il-ponta A)
} $R_v \leq 1,5$ R

(b) Fusien ma' roti mingħajr stering:
Mit-tarf ta' quddiem (il-ponta C)
Lejn it-tarf ta' wara (il-ponta A)
} $R_v \leq 1,25$ R

Saspenxin mekkanika

(a) każ ġenerali } $R_v \leq 1,8$ R

(b) roti mingħajr stering għal vetturi b'massa ta' tagħbija teknikament permissibbli ta' aktar minn 7,5 t } $R_v \leq 1,5$ R

fejn R huwa r-raġġ tat-tajer imwaħħal fuq il-vettura, u Rv id-distanza, espressa bħala raġġ, li fiha jinsab it-tarf ta' isfel tal-valance ta' barra.

7.2.2. Fil-każ ta' aktar minn fus wieħed ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 7.2.1. ma japplikawx bejn l-uċuħ trasversali weqfin li jgħaddu miċ-ċentru tal-ewwel u l-aħħar fus fejn il-valance ta' barra jista' jkun dritt biex jiżgura l-kontinwità tas-sistema ta' trażżin tar-raxx. (Figura 4 tal-Anness V).

7.2.3. Id-distanza bejn l-ogħla punti u l-iktar punti baxxi tas-sistema ta' trażżin tar-raxx (madgard u valance ta' barra) imkejla fi kwalunkwe profil bi dritt mal-madgard (ara l-figuri 1b u 2 fl-Anness V) ma tridx tkun ta' inqas minn 45 mm fil-punti kollha fuq in-naħa ta' wara ta' linja wieqfa li tgħaddi miċ-ċentru tar-rota jew tal-ewwel rota fil-każ ta' aktar minn fus wieħed. Din id-dimensjoni tista' titnaqqas bil-ftit il-ftit quddiem din il-linja.";

(g) Jiddaħħlu l-punti 7.2.5 u 7.2.6. li ġejjin:

"7.2.5. Ir-rekwiżiti tal-punti 7.2.3 u 7.2.4 jistgħu ma jiġux rispettati lokalment meta l-valance tkun magħmula minn elementi differenti b'moviment relattiv.

7.2.6. It-tractors għas-semitrailers b'xażi baxx (iddefinit fil-punt 6.20 tal-istandard ISO 612 tl-1978), jiġifieri dawk li jista' jkollhom għoli tal-kavilja mill-art ta' 1 100 mm jew inqas, jistgħu jkunu ddisinjati b'mod li jiġu eżentati mir-rekwiżiti tal-punti 7.1.1.a, 7.1.3 u 7.2.4. F'dan ir-rigward, mudgards u valances jistgħu ma jgħattux iż-żona minnufih 'il fuq mit-tajers tal-fusien ta' wara, meta dawn it-trakters jiġu gganċjati ma' semi-trailer, sabiex jiġi evitat li titfarrak is-sistema ta' trażżin tar-raxx. Iżda, il-madgards u l-valances ta' dawn il-vetturi jridu jkunu konformi mar-rekwiżiti tal-punti ta' hawn fuq, f'setturi li huma aktar minn 60° mil-linja wieqfa li tgħaddi miċ-ċentru tar-rota, quddiem u wara dawn it-tajers.

Dawn il-vetturi għalhekk iridu jkunu ddisinjati b'mod li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel paragrafu meta jitħaddmu mingħajr semi-trailer.

Sabiex ikunu jistgħu jilħqu dawn ir-rekwiżiti, il-madgards u l-valances jistgħu, pereżempju, ikun fihom parti li tinqala'.";

(h) Il-punt 7.3.1. jinbidel b'dan li ġej:

"7.3.1. Il-wisa' tal-widna trid tissodisfa r-rekwiżit għal 'q' fil-punt 7.1.1 (c), għajr fejn il-widna tkun ġewwa l-madgards, f'liema każ trid tal-inqas tkun daqs il-wisa' ta' wiċċ it-tajer.

Il-wisa' tal-parti tal-widna ta' kontra x-xita li tkun taħt il-madgard trid tissodisfa l-kondizzjoni stabbilita f'dan il-paragrafu b'tolleranza ta' 10 mm fuq kull naħa.";

(i) Il-punt 7.3.3. jinbidel b'dan li ġej:

"7.3.3. L-għoli massimu tat-tarf ta' taħt ma jridx jaqbeż 200 mm (Figura 3 tal-Anness V).

Id-distanza tiżdied sa 300 mm fil-każ tal-aħħar fus fejn id-distanza radjali tat-tarf ta' taħt tal-valancing ta' barra, Rv, ma jaqbiżx id-dimensjonijiet tar-raġġ tat-tajers imqiegħda fuq ir-roti ta' dan il-fus.

L-għoli massimu tat-tarf ta' isfel tal-widna ta' kontra x-xita apparagun mal-art, jista' jogħla sa 300 mm jekk il-manifattur jidhirlu li huwa teknikament xieraq fir-rigward tal-karatteristiċi tas-saspenxin.";

(j) Fil-punt 7.3.5., ir-referenza għall-"Figura 4b" tinbidel b'referenza għall-"Figura 4 tal-Anness V".

(k) Il-punt 9.3.2.1. jinbidel b'dan li ġej:

"9.3.2.1. It-tarf ta' isfel tal-istrument ta' trażżin tar-raxx ma għandux ikun aktar minn 200 mm mill-art.

L-għoli massimu tat-tarf ta' isfel tal-widna ta' kontra x-xita apparagun mal-art, jista' jogħla sa 300 mm jekk il-manifattur jidhirlu li huwa teknikament xieraq fir-rigward tal-karatteristiċi tas-saspenxin.";

(l) Jiddaħħal il-punt 10 li ġej:

"(10) Fil-każ ta' aktar minn fus wieħed, is-sistema ta' trażżin tar-raxx ta' fuss minnhom, li mhuwiex dak li qiegħed l-aktar lura, jista' ma jkollhiex għalfejn tgħatti l-wisa' kollha ta' wiċċ it-tajer fejn hemm, lokalment, il-possibilità ta' ndħil bejn is-sistema ta' trażżin tar-raxx u l-istruttura tal-fusien jew tas-saspenxin jew tat-tilar tal-vettura.";

(m) l-Appendiċi jitħassar;

(n) jiżdiedu l-Appendiċijiet 1 u 2 kif gej:

*"Appendiċi 1*

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI Nru. … MARBUT MAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE TA' VETTURA FIR-RIGWARD TAT-TQEGĦID TA' SISTEMI TA' TRAŻŻIN TAR-RAXX (DIRETTIVA 91/226/KEE, KIF EMENDATA L-AĦĦAR BID-DIRETTIVA 2010/19/UE) (*)

*(Għan-Noti ta' Spjegazzjoni jekk jogħġbok irreferi għall-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE)*

L-informazzjoni li ġejja, jekk applikabbli, trid tiġi pprovduta fi tliet kopji u trid tinkludi werrej. Kull disinn irid jiġi pprovdut fi skala adatta u b'detall suffiċjenti fuq daqs A4 jew fuq folder ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, iridu juru dettall suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi individwali għandhom kontrolli elettroniċi, trid tiġi pprovduta l-informazzjoni dwar it-tħaddim tagħhom.

0. ĠENERALI

0.1. Il-marka (l-isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2. Tip:

0.2.1. Isem(ismijiet) kummerċjali (jekk disponibbli):

0.3. Mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk indikat fuq il-vettura ([b])

0.3.1. Fejn jinsab l-immarkar:

0.4. Kategorija tal-vettura ([c]):

0.5. Isem u indirizz tal-manifattur:

0.8. L-indirizz(i) tal-impjant(i) tal-immuntar:

1. KARATTERISTIĊI TA' KONSTRUZZJONI ĠENERALI TAL-VETTURA

1.1. Ritratti u/jew disinji ta' eżempju rappreżentattiv tal-vettura:

1.3. L-għadd tal-fusien u roti:

1.3.1. L-għadd u l-pożizzjoni tal-fusien b'roti doppji:

1.3.2. Għadd u pożizzjoni tal-fusien bi stering

2. MASES U DIMENSJONIJIET ([f]) ([g])

(f'kg u mm) (Irreferi għad-disinn fejn applikabbli)

2.1. Il-bażi minn fus sa fus (mgħobbi kompletament) ([g]) ([l]):

2.6. Il-massa tal-vettura miexja (massimu u minimu għal kull varjant)

Il-massa tal-vettura bil-karozzerija u, fil-każ ta' vettura tal-irmonk ta' kategorija għajr għal $M_1$, b'tagħmir ta' gganċjar, jekk imqiegħed mill-manifattur, f'kundizzjoni ta' sewqan, jew il-massa tax-xażi jew tax-xażi bil-kabina, mingħajr karozzerija u/jew tagħmir ta' gganċjar jekk il-manifattur ma jqegħidx il-karozzerija u/jew it-tagħmir ta' gganċjar (inklużi likwidi, għodda, rota żejda, jekk tkun imqiegħda, u s-sewwieq u, għal karozzi tal-linja u kowċis, kunduttur jekk ikun hemm sit għall-kunduttur fil-vettura) ([h]) (massimu u minimu għal kull varjant):

2.6.1. Distribuzzjoni ta' din il-massa fost il-fusien u, fil-każ ta' semi-trailer jew trailer b'fus fin-nofs, tagħbija fuq il-punt ta' gganċjar (massimu u minimu għal kull varjant):

2.8. Massa massima ta' tagħbija teknikament permissibbli ddikjarata mill-manifattur ([i]) ([3]):

9. KAROZZERIJA

9.20. Sistema ta' trażżin tar-raxx

9.20.0. Preżenza: iva/le/mhux kompluta ([1])

9.20.1. Deskrizzjoni qasira tal-vettura fir-rigward tas-sistema ta' trażżin tar-raxx tagħha u l-komponenti konstitwenti:

9.20.2. Disinji dettaljati tas-sistema ta' trażżin tar-raxx u l-pożizzjoni tagħha fuq il-vettura li juru d-dimensjonijiet speċifikati fil-Figuri fl-Anness V tad-Direttiva 91/226/KEE u meqjusa l-estremitajiet tal-kombinazzjonijiet tajer/rota:

9.20.3. Numru/i tal-approvazzjoni tat-tip tal-istrument(i) ta' trażżin tar-raxx, jekk disponibbli:

Data, Fajl

(*) Għall-vetturi tal-kategorija N1 u dawk tal-kategorija N2 b'massa massima ta' tagħbija teknikament permissibbli li ma taqbiżx is-7.5 tunnellati bl-użu tad-deroga tal-punt 0.1 tal-Anness III ta' din id-Direttiva, jista' jintuża d-dokument ta' informazzjoni stabbilit fl-Anness II tad-Direttiva 78/549/KEE.

*Appendiċi 2*

MUDELL

(Format massimu: A4 (210 x 297 mm))

**ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP KE**

| Timbru tal-awtorità ta' approvazzjoni tat-tip |
|---|

Komunikazzjoni li tikkonċerna:

— Approvazzjoni tat-tip KE ([1])

— Estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip KE ([1])

— Ċaħda tal-approvazzjoni tat-tip KE ([1])

— Irtirar tal-approvazzjoni tat-tip KE ([1])

ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata f'dak li jirrigwardja d-Direttiva 91/226/KEE, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2010/19/UE ([1])

Numru tal-approvazzjoni tat-tip:

Raġuni għall-estensjoni:

TAQSIMA I

0.1. Il-marka (l-isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2. Tip:

0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata ([1]) ([2])

0.3.1. Fejn jinsab l-immarkar:

0.4. Il-kategorija tal-vettura ([2]) ([3])

0.5. Isem u indirizz tal-manifattur:

0.7. Fil-kaz ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, post u metodu ta' twaħħil tal-marka ta' approvazzjoni KE:

0.8. L-indirizz(i) tal-impjant(i) tal-immuntar:

TAQSIMA II

1. Tagħrif addizzjonali (fejn applikabbli): Ara l-Addendum

2. Is-servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet:

3. Id-data tar-rapport tat-test:

4. In-numru tar-rapport tat-test:

5. Rimarki (jekk hemm): Ara l-Addendum

6. Post:

7. Data:

8. Firma:

9. Qed jiġi mehmuż l-indiċi tal-pakkett ta' informazzjoni ddepożitat mal-awtorità għall-approvazzjoni, li tista' tintalab kopja tiegħu.

---

([1]) Ħassar fejn ma japplikax.

([2]) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex rilevanti għad-deskrizzjoni tal-vettura, ta' komponent jew ta' tipi ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: '?' (pereżempju ABC??123??).

([3]) Kif definit fl-Anness II A tad-Direttiva 2007/46/KE

*Addendum*

GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE Nru … DWAR L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TA' VETTURA FIR-RIGWARD TAD- DIRETTIVA 91/226/KEE KIF EMENDATA L-AĦĦAR BID-DIRETTIVA 2010/19/KE

1. Informazzjoni addizzjonali

1.1. Karatteristiċi tal-istrumenti tat-trażżin tar-raxx (tip, deskrizzjoni fil-qosor, marka jew isem, numru/i tal-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti):

5. Kummenti (jekk hemm)"

*ANNESS II*

*"ANNESS V*

**FIGURI**

*Figura 1a*

**Wisa' (q) tal-madgard (a) u pożizzjoni tal-valance (j)**




*Nota*: Il-figuri jirreferu għall-punti korrispondenti fl-Anness III.

*Figura 1b*

**Eżempju ta' kejl tal-valance ta' barra**



*Figura 2*

**Dimensjonijiet tal-madgard u l-valance ta' barra**




*Nota:*

1. Il-figuri kkwotati jirreferu għall-punti korrispondenti fl-Anness III.

2. T: estensjoni tal-madgard

*Figura 3*

**Pożizzjoni tal-madgard u l-widna ta' kontra x-xita**




*Nota*: Il-figuri kkwotati jirreferu għall-punti korrispondenti fl-Anness III.

*Figura 4*

**Dijagramma li turi apparat ta' sistema ta' trażżin tar-raxx (madgard, widna ta' kontra x-xita, valance ta' barra) li fih strumenti ta' trażżin tar-raxx (assorbituri tal-enerġija) għal aktar minn fus wieħed**




*Figura 5*

**Dijagramma li turi apparat ta' sistema ta' trażżin tar-raxx li fih strumenti ta' trażżin tar-raxx (assorbenti tal-enerġija) għal fusien fuq roti mingħajr stering jew self-steering**

*(Anness III - punti 6.2 u 8)*




(a) Aktar minn fus wieħed fejn id-distanza bejn it-tajers hija anqas minn 250 mm




(b) Fus wieħed jew aktar minn fus wieħed fejn id-distanza bejn it-tajers mhix inqas minn 250 mm

*Figura 6*

**Dijagramma li turi apparat ta' sistema ta' trażżin tar-raxx li fih strumenti ta' trażżin tar-raxx b'separaturi arja/ilma għal fusien fuq roti mingħajr stering jew self-steering**




*Nota:*

1. Il-figuri jirreferu għall-punti korrispondenti fl-Anness III.

2. T: estensjoni tal-madgard

*Figura 7*

**Dijagramma li turi apparat ta' sistema ta' trażżin tar-raxx li fih strumenti ta' trażżin tar-raxx (madgard, widna ta' kontra x-xita, valance ta' barra) għal aktar minn fus wieħed fejn id-distanza bejn it-tajers ma taqbiżx 300 mm**




*Nota:*

1. Il-figuri jirreferu għall-punti korrispondenti fl-Anness III.
2. T: estensjoni tal-madgard

*Figura 8*

**Apparat ta' ttestjar għal strumenti ta' trażżin tar-raxx li jassorbu l-enerġija**

*(Anness II, Appendiċi 1)*




*Nota:*

A = provvista tal-ilma mill-pompa

B = fluss lejn it-tank fejn jinġema' l-ilma

C = reċipjent fejn jinġema' l-ilma b'dimensjoni interna ta' 500 (+5/-0) mm tul u 75 (+2/-0) mm wisa'

D = pajp tal-azzar li ma jissaddadx, dijametru ta' barra 54 mm, ħxuna ta' 1.2 (+/- 0.12) mm, ħruxija tal-wiċċ ta' ġewwa u ta' barra Ra bejn 0.4 u 0.8 µm

E = 12-il toqba mħaffra b'mod radjali forma ta' ċilindru bi trufijiet kwadri mingħajr tixwik. Id-dijametru tagħhom, imkejel fuq in-naħa ta' ġewwa u fuq in-naħa ta' barra tat-tubu, huwa 1.68 (+0.010/-0) mm

F = 500 (+0/-5) mm-kampjun wiesa' għall-ittestjar

G = wiċċ ċatt u iebes

Id-dimensjonijiet linejari huma f'millimetri.

*Figura 9*

**Apparat ta' ttestjar għal strumenti ta' trażżin tar-raxx bis-separatur arja/ilma**

*(Anness II, Appendiċi 2)*






# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tad-19 ta' Marzu 2010**

**dwar kondizzjonijiet armonizzati għall-użu tal-ispektrum tar-radju għas-servizzi ta' komunikazzjoni mobbli abbord il-bastimenti (servizzi MCV) fl-Unjoni Ewropea**

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 1644)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/166/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 676/2002/KE tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispektrum tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispektrum tar-Radju) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Il-politika tal-i2010, bħala qafas strateġiku għal Soċjetà tal-Informazzjoni Ewropea ([2]), tippromwovi ekonomija diġitali miftuħa u kompetittiva fl-Unjoni Ewropea u tenfasizza t-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni bħala mutur għall-inklużjoni u tal-kwalità ta' ħajja. L-iżvilupp ta' mezzi ta' komunikazzjoni addizzjonali jista' jkun ta' benefiċċju għall-produttività tax-xogħol u għat-tkabbir fis-suq tat-telefonija mobbli.

(2) L-applikazzjonijiet ta' konnettività marittima jintużaw abbord bastimenti tal-ġarr u tal-passiġġieri li jbaħħru fl-ibħra territorjali u fl-ilmijiet internazzjonali tal-Unjoni Ewropea u huma ġeneralment pan-Ewropej jew interstatali fin-natura tagħhom. L-għan tas-sistemi li jipprovdu s-servizzi ta' komunikazzjoni mobbli abbord il-bastimenti ("servizzi MCV") hu li jikkumplimentaw il-konnettività mobbli eżistenti meta jitħaddmu f'dawk iż-żoni tal-ibħra territorjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, kif imfisser fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, li mhumiex koperti min-netwerks mobbli terrestri, u li huma soġġetti għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/766/KE tas-16 ta' Ottubru 2009 dwar l-armonizzazzjoni tal-meded ta' frekwenza 900 MHz u 1 800 MHz għal sistemi terrestri li kapaċi jipprovdu servizzi elettroniċi pan-Ewropej ta' komunikazzjoni fil-Komunità ([3]). Approċċ koordinat għar-regolamentazzjoni ta' servizzi MCV ta' dan it-tip għandu jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-miri tas-suq uniku u sabiex tkun tista' titjieb id-disponibbiltà tas-servizzi tal-GSM fl-Unjoni Ewropea.

(3) L-armonizzazzjoni tar-regoli dwar l-użu tal-ispektrum tar-radju fl-Unjoni Ewropea għandha tiffaċilita l-applikazzjoni u l-użu tas-servizzi MCV fl-Unjoni Ewropea, fejn l-għanijiet ewlenin ikunu li tiġi evitata interferenza li tagħmel il-ħsara lil netwerks mobbli terrestri u li tiġi evitata l-konnessjoni ma' sistemi li joffru servizzi MCV meta jkun possibbli li ssir konnessjoni man-netwerks mobbli terrestri.

(4) Skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 676/2002/KE, il-Kummissjoni Ewropea tat mandat ([4]) lill-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet tal-Posta u tat-Telekomunikazzjoni (minn hawn 'il quddiem, "is-CEPT") biex tidentifika l-kondizzjonijiet tekniċi u ta' tħaddim meħtieġa biex jiġi żgurat li tiġi evitata interferenza li tagħmel il-ħsara minn sistemi tal-GSM li jintużaw abbord ta' bastimenti fil-meded ta' frekwenzi ta' 900 MHz u 1 800 MHz fl-ibħra territorjali tal-Istati Membri bit-tħaddim ta' netwerks mobbli terrestri eżistenti, kif ukoll f'żoni ta' dawn l-ibħra territorjali fejn dawn in-netwerks jagħtu servizz, u li jiġi żgurat li t-terminals mobbli terrestri ma jkunux konnessi ma' xi sistema ta' dan it-tip meta tkun qed tintuża fl-ibħra territorjali u li ebda terminal mobbli ma jiċċaħħad milli jagħmel konnessjoni ma' netwerks terrestri. Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq l-istudji tekniċi li twettqu mis-CEPT skont il-mandat tal-Kummissjoni Ewropea, kif ippreżentati fir-Rapport nru 28 tas-CEPT ([5]).

([1]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1.
([2]) COM(2005) 229 finali tal-1 ta' Ġunju 2005.
([3]) ĠU L 274, 20.10.2009, p. 32.
([4]) Mandat mogħti lis-CEPT dwar servizzi ta' Komunikazzjoni Mobbli fuq il-bastimenti, 8 ta' Lulju 2008.
([5]) Rapport finali mħejji mis-CEPT lill-Kummissjoni Ewropea bi tweġiba għall-Mandat tal-KE dwar servizzi ta' komunikazzjoni mobbli abbord il-bastimenti (MCV), 1 ta' Lulju 2009.

(5) Is-sistema li tipprovdi servizzi MCV meqjusa fir-Rapport tas-CEPT tikkonsisti fi stazzjon wieħed jew iktar piko-ċellulari abbord (BS tal-bastiment), li jippermetti l-aċċess għal netwerk prinċipali tal-GSM permezz ta' ħolqa ta' netwerk, pereżempju permezz tas-satellita, li tuża partijiet differenti tal-ispektrum flok il-meded ta' frekwenzi ta' 900 MHz u 1 800 MHz. Il-BS tal-bastiment li jkollu sistema bħal din iservi t-terminals mobbli tal-GSM *roaming* li jkunu qed iġorru fuqhom il-passiġġieri jew il-membri tal-ekwipaġġ li jkun hemm abbord billi jipprovdi konnettività fil-meded ta' frekwenzi GSM-900 u/jew GSM-1 800 meta l-bastiment ikun f'ibħra internazzjonali jew f'żoni tal-ibħra territorjali fejn ma jkunx hemm biżżejjed kopertura tan-netwerk mobbli terrestri jew xejn.

(6) Ir-Rapport tas-CEPT jikkonkludi li s-sistemi li jipprovdu servizzi MCV ma għandhomx jintużaw f'distanza eqreb minn żewġ mili nawtiċi (NM) mil-linja bażi ta' Stat kostali. Dan ir-rapport jelenka għadd ta' kondizzjonijiet tekniċi u ta' tħaddim għall-użu ta' sistemi ta' dan it-tip fl-ibħra territorjali bejn żewġ u tnax-il mil nawtiku mil-linja bażi.

(7) It-tagħmir għas-servizzi MCV kopert b'din id-Deċiżjoni huwa fl-ambitu tad-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomuni-kazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom [1]. Il-konformità mal-Istandards Armonizzati rilevanti għall-GSM-900 u/jew GSM-1 800 imsemmija f'din id-Direttiva tinvolvi l-preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti tagħha, u b'hekk tippermetti t-tqegħid ta' dan it-tip ta' tagħmir fis-suq.

(8) Filwaqt li jeżistu standards armonizzati tal-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjonijiet li jistabbilixxu r-rekwiżiti tekniċi li jippermettu t-tqegħid tat-tagħmir tal-GSM fis-suq, u filwaqt li tagħmir tal-GSM ta' dan it-tip jista' jintuża minn sistemi li jipprovdu servizzi MCV, xorta jibqa' meħtieġ li jiġu stabbiliti l-valuri speċifiċi għat-tħaddim li għandhom jiġu mħarsa mis-sistemi li jipprovdu servizzi MCV li jitħaddmu fl-ibħra territorjali, biex tiġi evitata l-interferenza man-netwerks terrestri.

(9) Għaldaqstant, l-Anness għal din id-Deċiżjoni jinkludi r-rekwiżiti tekniċi u ta' tħaddim elenkati fir-Rapport tas-CEPT. Dawn ir-rekwiżiti, li huma fil-meded ta' parametri adattabbli tal-istandards tal-GSM, għandhom jiżguraw il-koeżistenza bejn is-sistemi li jipprovdu servizzi MCV u n-netwerks GSM/UMTS terrestri fil-meded ta' frekwenzi ta' 900 u 1 800 MHz, kif ukoll tas-sistemi ta' navigazzjoni ajrunawtika li jintużaw fuq firxa qasira (sistemi RSBN) li jaħdmu fil-medda ta' frekwenzi 862-960 MHz. Dawn ir-rekwiżiti jinkludu tekniki għat-tnaqqis tal-interferenza abbażi tal-parametri ta' tħaddim speċifiċi tas-sistema tal-GSM, iżda jistgħu jintużaw ukoll mezzi jew tekniki oħra għat-tnaqqis tal-interferenza basta dawn ikunu jipprovdu livell ta' protezzjoni ekwivalenti.

(10) Din id-Deċiżjoni ma tistax titqies li timponi obbligi fuq Stati Membri li ma għandhomx ibħra territorjali. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-awtorizzazzjoni tas-servizzi MCV, li hija barra mill-ambitu ta' din id-Deċiżjoni, biss li tista' tesiġi azzjoni min-naħa tal-Istati Membri b'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE fir-rigward tal-bastimenti tan-nazzjonalità tagħhom.

(11) L-Istati Membri għandhom jagħmlu li jistgħu biex, kemm jista' jkun malajr, jagħmlu l-meded ta' frekwenzi ta' 900 MHz u 1 800 MHz disponibbli għas-sistemi li jipprovdu servizzi MCV, fuq bażi ta' mingħajr interfe-renza u mingħajr protezzjoni, fl-ibħra territorjali tagħhom biex, pereżempju, tiġi evitata d-diskriminazzjoni bejn id-detenturi tad-drittijiet ta' dawn il-meded. Madan-kollu, jekk iċ-ċirkustanzi nazzjonali jipprevenu d-dispo-nibbiltà tal-meded sħaħ, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu disponibbli kwantità iżgħar ta' spektrum, iżda mill-inqas għandhom jagħmlu disponibbli 2 MHz ta' spektrum fid-direzzjoni ta' konnessjoni axxendentali u 2 MHz oħra fid-direzzjoni ta' konnessjoni dixxendentali, peress li hu maħsub li din il-kwantità ta' spektrum hija l-minimu meħtieġ għat-tħaddim tas-servizzi MCV.

(12) Bil-għan li jkun żgurat li l-kondizzjonijiet speċifikati f'din id-Deċiżjoni jibqgħu rilevanti u fid-dawl tal-bidliet veloċi fil-qasam tal-ispektrum tar-radju, l-amministrazzjonijiet nazzjonali għandhom jimmonitorjaw, fejn ikun possibbli, l-użu tal-ispektrum tar-radju li jsir minn tagħmir għal servizzi MCV, sabiex din id-Deċiżjoni tibqa' soġġetta għal reviżjoni attiva. Reviżjoni ta' dan it-tip għandha tikkunsidra l-iżvilupp teknoloġiku u tivverifika li s-suppo-żizzjonijiet tal-bidu dwar it-tħaddim tas-servizzi MCV għadhom rilevanti.

(13) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opin-joni tal-Kumitat dwar l-Ispektrum tar-Radju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għan ta' din id-Deċiżjoni hu li tarmonizza l-kondizzjonijiet tekniċi għad-disponibbiltà u l-użu effikaċi tal-meded ta' frek-wenzi ta' 900 MHz u 1 800 MHz għal sistemi li jipprovdu servizzi ta' komunikazzjonijiet mobbli abbord il-bastimenti fl-ibħra territorjali tal-Unjoni Ewropea.

[1] ĠU L 91, 7.4.1999, p. 10.

*Artikolu 2*

Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni:

1. "servizzi ta" komunikazzjoni mobbli abbord il-bastimenti (servizzi MCV)' tfisser servizzi ta' komunikazzjoni elettroniċi, kif imfisser fl-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), mogħtijin minn impriża sabiex tippermetti li dawk li jkunu abbord bastiment jikkomunikaw permezz ta' netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni bl-użu ta' sistema tal-GSM mingħajr ma jkunu stabbiliti konnessjonijiet diretti man-netwerks mobbli terrestri;

2. "il-medda ta' frekwenzi ta" 900 MHz' tfisser il-medda ta' frekwenzi 880-915 MHz fil-każ ta' konnessjoni axxendentali (terminal li jittrażmetti u stazzjon ta' bażi ta' riċezzjoni) u l-medda ta' frekwenzi 925-960 MHz għal konnessjoni dixxendentali (stazzjon ta' bażi trażmettitur u terminal ta' riċezzjoni);

3. "il-medda ta" frekwenza ta' 1 800 MHz' tfisser il-medda ta' frekwenzi 1 710-1 785 MHz fil-każ ta' konnessjoni axxendentali (terminal li jittrażmetti u stazzjon ta' bażi ta' riċezzjoni) u l-medda ta' frekwenzi 1 805-1 880 MHz għal konnessjoni dixxendentali (stazzjon ta' bażi trażmettitur u terminal ta' riċezzjoni);

4. "sistema tal-GSM" tfisser netwerk ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, konformi mal-Istandards tal-GSM, kif ippubblikati mill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjonijiet, b'mod partikolari EN 301 502 u EN 301 511;

5. "fuq bażi ta" mingħajr interferenza u mingħajr protezzjoni' tfisser li ma tista' tiġi kkawżata l-ebda interferenza ta' ħsara lil kwalunkwe servizz ta' radjukomunikazzjoni u li ma tista' ssir l-ebda talba għall-protezzjoni ta' dawn is-servizzi mill-interferenza li tagħmel il-ħsara li toriġina minn servizzi oħra ta' radjukomunikazzjoni;

6. "baħar territorjali" għandha tiġi interpretata fl-istess sens kif imfissra fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar;

7. "Stazzjon ta" Bażi Transciever ta' Bastiment (BS tal-bastiment)' tfisser piko-ċellula mobbli li tinsab fuq il-bastiment u li tappoġġa s-servizzi tal-GSM fil-meded ta' frekwenzi ta' 900 MHz u/jew 1 800 MHz.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom, sa mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ, jagħmlu disponibbli mill-inqas 2 MHz ta' spektrum fid-direzzjoni ta' konnessjoni axxendentali u 2 MHz ta' spektrum korrispondenti fid-direzzjoni ta' konnessjoni dixxendentali, fil-meded ta' frekwenzi ta' 900 MHz u/jew 1 800 MHz, għas-sistemi li jipprovdu servizzi MCV, fuq bażi ta' mingħajr interferenza u protezzjoni, fl-ibħra territorjali tagħhom u jiżguraw li dawn is-sistemi jkunu konformi mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom iżommu taħt reviżjoni l-użu tal-meded ta' frekwenzi ta' 900 MHz u 1 800 MHz mis-sistemi li jipprovdu servizzi MCV fl-ibħra territorjali tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-rilevanza kontinwa tal-kondizzjonijiet kollha speċifikati fl-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni u tal-każijiet ta' interferenza ta' ħsara.

*Artikolu 5*

L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni Ewropea dwar is-sejbiet tagħhom fir-rigward tar-reviżjoni imsemmija fl-Artikolu 4 għal din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni Ewropea għandha, meta jkun xieraq, tagħmel ir-reviżjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kummissjoni*
Neelie KROES
*Viċi President*

([1]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33.

*ANNESS*

**Il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu mħarsa mis-sistemi li jipprovdu servizzi MCV fl-ibħra territorjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, biex tiġi evitata l-interferenza ta' ħsara għan-netwerks mobbli terrestri**

Il-kondizzjonijiet li ġejjin iridu jkunu mħarsa:

(1) Is-sistema li tipprovdi servizzi MCV ma għandhiex tintuża f'distanza eqreb minn żewġ mili nawtiċi ([1]) mil-linja bażi, kif definit fil- Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar;

(2) Jistgħu jintużaw biss antenni interni ta' BS ta' bastimenti bejn żewġ u tnax-il mil nawtiku mil-linja bażi;

(3) Limiti li għandhom jiġu stabbiliti għal terminals mobbli meta jintużaw abbord il-bastiment u għall-BS tal-bastiment:

| Parametru | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Qawwa tat-trażmissjoni/Densità tal-qawwa | Għat-terminals mobbli li jintużaw abbord il-bastiment u kkontrollati permezz tal-BS tal-bastiment fil-meded ta' frekwenzi ta' 900 MHz, il-qawwa massima tal-output irradjat:<br>5 dBm |
| | Għat-terminals mobbli li jintużaw abbord il-bastimenti u kkontrollati permezz tal-BS tal-bastimenti fil-medda ta' frekwenzi ta' 1 800 MHz, il-qawwa massima tal-output irradjat:<br>0 dBm |
| | Għall-istazzjonijiet ta' bażi abbord il-bastiment, id-densità massima tal-qawwa mkejla f'partijiet esterni tal-bastiment, b'referenza għal kejl ta' *gain* ta' antenna ta' 0 dBi:<br>– 80 dBm/200 kHz |
| Aċċess għall-kanal u regoli tal-okkupazzjoni | Għandhom jintużaw tekniki għat-tnaqqis tal-interferenza li mill-inqas jipprovdu rendiment ekwivalenti għal dak ta' dawn il-fatturi ta' tnaqqis, abbażi tal-istandards tal-GSM<br>— bejn zewġ u tliet mili nawtiċi mil-linja bażi, is-sensittività tar-riċevitur u l-limitu ta' skonnessjoni (livelli ACCMIN ([1]) u min RXLEV ([2])) tat-terminal mobbli li jintuża abbord il-bastiment għandha tkun daqs jew ogħla minn – 70 dBm/200 kHz u bejn tliet u tnax-il mil nawtiku mil-linja bażi għandha tkun daqs jew ogħla minn – 75 dBm/200 kHz<br>— it-trażmissjoni mhux kontinwa ([3]) għandha tiġi attivata fid-direzzjoni ta' konnessjoni axxendentali;<br>— il-valur tal-avvanz tal-ħin ([4]) tal-BS tal-bastiment għandu jiġi ssettjat fil-valur minimu. |

([1]) ACCMIN (RX_LEV_ACCESS_MIN); kif deskritt fl-istandard ETSI TS 144 018 tal-GSM.
([2]) RXLEV (RXLEV-FULL-SERVING-CELL); kif deskritt fl-istandard ETSI TS 148 008 tal-GSM.
([3]) Trażmissjoni mhux kontinwa, jew DTX; kif deskritt fl-istandard ETSI TS 148 008 tal-GSM.
([4]) Avvanz tal-ħin; kif deskritt fl-istandard ETSI TS 144 018 tal-GSM.

([1]) Mil nawtiku = 1 852 metru.

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tad-19 ta' Marzu 2010**

**dwar l-awtorizzazzjoni ta' sistemi għas-servizzi tal-komunikazzjoni mobbli abbord il-bastimenti (is-servizzi MCV)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/167/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru [qafas] regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) [Direttiva Qafas] ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) tagħha,

Billi:

(1) Il-politika tal-i2010, bħala l-qafas strateġiku għal Soċjetà tal-Informatika Ewropea, tippromwovi ekonomija diġitali miftuħa u kompetittiva fl-Unjoni Ewropea, tenfasizza s-settur tal-ICT bħala mutur għall-inklużjoni u l-kwalità ta' ħajja, u tisħaq dwar il-benefiċċji ta' aċċess faċli għall-informazzjoni u r-riżorsi tal-komunikazzjoni fis-setturi kollha tal-ħajja ta' kuljum.

(2) Is-servizzi tal-komunikazzjoni mobbli abbord il-bastimenti (is-servizzi MCV) jintużaw abbord bastimenti tal-ġarr u tal-passiġġieri li jbaħħru fl-ibħra territorjali tal-Unjoni Ewropea u fl-ibħra internazzjonali u huma ġeneralment pan-Ewropej jew interstatali fin-natura tagħhom. L-għan tas-sistemi li jipprovdu s-servizzi MCV ("is-sistemi MCV") hu li jikkumplimentaw il-konnettività mobbli eżistenti meta jitħaddmu f'dawk iż-żoni tal-ibħra territorjali tal-Istati Membri tal-UE, kif imfisser fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, li mhumiex koperti min-netwerks mobbli terrestri.

(3) Sistema MCV ("sistema MCV dedikata") ġeneralment tikkonsisti fi stazzjon wieħed jew iktar abbord (BS tal-bastiment) li jaħdem bil-piko-ċelloli, li jippermettu l-aċċess għal netwerk prinċipali tal-GSM permezz ta' ħolqa ta' netwerk għat-trażmissjoni tad-dejta mingħajr wajer, pereżempju permezz tas-satellita. Il-BS tal-bastiment li jkollu sistema bħal din iservi t-terminals mobbli tal-GSM li jkunu qed iġorru fuqhom il-passiġġieri jew il-membri tal-ekwipaġġ li jkun hemm abbord.

(4) Bħalissa, is-servizzi MCV jitħaddmu fuq bażi kummerċjali billi jużaw biss l-istandard tal-GSM u fil-meded ta' bejn 880 u 915 MHz u ta' bejn 1 710 u 1 785 MHz biss għall-konnessjoni axxendentali (għad-dejta li tintbagħat mit-terminal u tasal fl-istazzjon tal-bażi) u fil-medda bejn 925 u 960 MHz u fil-medda bejn 1 805 u 1 880 MHz għall-konnessjoni dixxendentali (stazzjon ta' bażi trażmettitur u terminal riċevitur). Madankollu, fil-futur dawn jistgħu jiġu estiżi għal sistemi pubbliċi oħra ta' komunikazzjoni mobbli terrestri, li jitħaddmu skont standards oħra u f'meded ta' frekwenza oħrajn.

(5) It-tħaddim tas-sistemi MCV dedikati għandu jingħaraf mill-kopertura estiża li joffru n-netwerks ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettroniċi mobbli terrestri fl-ibħra territorjali sakemm din tkun imsejsa fuq id-drittijiet tal-operaturi sabiex jistabbilixxu u jħaddmu n-netwerks tas-servizzi mobbli terrestri.

(6) Approċċ koordinat għar-regolamentazzjoni tas-servizzi MCV għandu jgħin sabiex ikun iffaċilitat l-għoti ta' dawn is-servizzi madwar l-Unjoni Ewropea, u b'hekk jikkontribwixxi għall-akkwist tal-miri tas-suq uniku tal-UE. Għandu jgħin ukoll sabiex tkun żgurata l-konnettività mobbli mingħajr interruzzjonijiet għall-konsumaturi u għall-utenti kummerċjali u għandu jtejjeb il-potenzjal tas-servizzi innovattivi tal-komunikazzjoni marittima.

(7) Meta jawtorizzaw l-użu tal-ispettru għall-forniment tas-servizzi MCV, l-Istati Membri għandhom ikunu konformi mad-Direttiva 2002/21/KE u mad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) ([2]). B'mod partikolari, skont l-Artikoli 9(1) u 9(2) tad-Direttiva 2002/21/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm ġestjoni effettiva tal-frekwenzi tar-radju għas-servizzi ta' komunikazzjoni bir-radju fit-territorju tagħhom u li jippromwovu armonizzazzjoni tal-użu tal-frekwenzi tar-radju madwar l-Unjoni Ewropea, li jkun konsistenti mal-ħtieġa li jkun żgurat l-użu effettiv u effiċjenti tiegħu.

([1]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33.

([2]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 21.

(8) Skont id-Direttiva 2002/21/KE, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fl-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-suq intern billi, inter alia jneħħu l-ostakli li fadal għall-forniment ta' netwerks għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, faċilitajiet u servizzi assoċjati u servizzi għall-komunikazzjonijiet elettroniċi fuq livell Ewropew u jħeġġu l-istabbiliment u l-iżvilupp tan-netwerks trans-Ewropej u l-interoperabilità tas-servizzi pan-Ewropej u l-konnettività minn tarf sa ieħor. Għandhom jippromwovu wkoll kompetizzjoni fil-forniment tan-netwerks għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, tas-servizzi għall-komunikazzjonijiet elettroniċi u tal-faċilitajiet u s-servizzi assoċjati billi, *inter alia*, iħeġġu l-użu effiċjenti u jiżguraw li jkun hemm ġestjoni effettiva tal-frekwenzi tar-radju u tar-riżorsi tan-numerazzjoni.

(9) Skont id-Direttiva 2002/20/KE, għandha tintuża s-sistema ta' awtorizzazzjoni li tkun l-anqas oneruża possibbli biex tippermetti l-forniment ta' netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi sabiex tistimula l-iżvilupp ta' servizzi ġodda ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u netwerks u servizzi pan-Ewropej ta' komunikazzjonijiet u biex tippermetti li l-fornituri tas-servizzi u l-konsumaturi jibbenefikaw mill-ekonomiji fil-kobor tas-suq uniku.

(10) Skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2002/20/KE, il-forniment tan-netwerks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi jew tal-għoti ta' servizzi elettroniċi jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-obbligi speċifiċi msemmijin fl-Artikolu 6(2) jew għad-drittijiet tal-użu msemmijin fl-Artikolu 5, ikunu soġġetti biss għal awtorizzazzjoni ġenerali.

(11) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2002/20/KE, l-Istati Membri ma għandhomx, fejn possibbli, b'mod partikolari fejn ir-riskju tal-interferenza li tagħmel il-ħsara hija negliġibbli, jagħmlu użu mill-frekwenzi tar-radju soġġetti għad-drittijiet individwali imma għandhom jagħmlu użu mill-awtorizzazzjonijiet ġenerali li jinkludu l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(12) Sakemm ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet tekniċi stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/166/UE ([1]), ir-riskju tal-interferenza li tikkawża l-ħsara minħabba t-tħaddim tal-MCV se jkun negliġibbli, għalhekk, fil-prinċipju, l-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-użu tal-ispettru tar-radju għall-għoti tas-servizzi MCV għandhom jinħarġu mill-Istati Membri.

(13) Xi Stati Membri bħalissa qed jagħmlu użu mill-ispettru għall-għoti tas-servizzi MCV soġġetti għad-drittijet individwali. Dan l-approċċ ta' awtorizzazzjoni għandu jiġi vvalutat mill-ġdid, inkluż abbażi ta' xi esperjenza miksuba fir-rigward tal-għoti tas-servizzi MCV fl-ibħra territorjali tal-Istati Membri.

([1]) Ara paġna 38 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(14) Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 87/372/KEE dwar il-firxiet ta' frekwenza li għandhom jiġu rriżervati għall-introduzzjoni koordinata ta' komunikazzjonijiet mobbli terrestri pubbliċi ċellulari diġitali pan-Ewropej fil-Komunità ([2]), l-Istati Membri għandhom jeżaminaw jekk l-assenjazzjoni tal-medda ta' frekwenza ta' 900 MHz lill-operaturi tat-telefonija mobbli li jikkompetu fit-territorju tagħhom għandhiex it-tendenza li xxekkel il-kompetizzjoni fis-swieq konċernati tat-telefonija mobbli u għandhom jindirizzaw dawn id-distorsjonijiet skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2002/20/KE. L-Istati Membri għandhom, fejn meħtieġ, jikkunsidraw li jieħdu din l-opportunità sabiex ibiddlu kwalunkwe drittijiet esklussivi tal-użu eżistenti mogħtija lin-netwerks tat-telefonija mobbli li jinsabu fit-territorju sabiex ma jeskludux l-għoti tas-servizzi MCV fil-frekwenzi rilevanti.

(15) L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni lil xulxin u lill-Kummissjoni sabiex isolvu kwistjonijiet dwar kwalunkwe interferenza li tagħmel il-ħsara kkawżati mis-servizzi MCV. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lil-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet u lil-Kumitat tal-Ispettru tar-Radju fir-rigward ta' kemm l-involviment tagħhom jista' jiffaċilita l-mod kif jiġu solvuti kwistjonijiet bħal dawn.

(16) Skont id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) ([3]), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm disponibbli informazzjoni trasparenti u aġġornata dwar il-prezzijiet u t-tariffi applikabbli, u dwar it-termini u l-kondizzjonijiet standard, fir-rigward tal-aċċess għal u l-użu tas-servizzi pubbliċi tat-telefown li huma disponibbli għall-utenti aħħarin u għall-konsumaturi. Id-Direttiva titlob ukoll lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li, meta jkun hemm abbonament għas-servizzi li jipprovdu l-konnessjoni u/jew in-netwerk għas-servizz pubbliku tat-telefown, il-konsumaturi għandhom dritt li jkollhom kuntratt ma' impriża jew impriżi li jipprovdu servizzi ta' dan it-tip, li jispeċifikw fost l-oħrajn, dettalji dwar il-prezzijiet u t-tariffi u l-mezzi li permezz tagħhom tkun tista' tinkiseb informazzjoni aġġornata dwar it-tariffi applikabbli u l-ispejjeż tal-manutenzjoni.

(17) Ftehimiet internazzjonali f'dan il-qasam tas-sigurtà marittima u/jew is-sigurtà pubblika ma għandhomx ikunu ppreġudikati mit-tħaddim tas-servizzi MCV.

(18) L-elementi regolatorji u tekniċi tal-approċċ komuni sabiex ikun awtorizzat l-użu tal-ispettru għall-għoti tas-servizzi MCV fl-Unjoni Ewropea għandhom jinżammu taħt skrutinju sabiex jiġi żgurat li jibqgħu sodisfaċenti għall-iskop aħħari li tiġi evitata l-interferenza li tagħmel il-ħsara, u fin-nuqqas ta' dan se jitqiesu miżuri xierqa ta' rimedju.

([2]) ĠU L 274, 20.10.2009, p. 25.
([3]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51.

(19) Il-miżuri pprovduti f'din ir-Rakkomandazzjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. L-għan ta' din ir-Rakkomandazzjoni hu li tikkoordina l-kundizzjonijiet u l-proċeduri nazzjonali tal-awtorizzazzjoni li jkollhom x'jaqsmu mal-użu tal-ispettru tar-radju għas-servizzi tal-komunikazzjoni mobbli abbord il-bastimenti (is-servizzi MCV) fl-ibħra territorjali tal-Istati Membri sabiex jiffaċilitaw l-użu ta' servizzi ta' dan it-tip madwar l-Unjoni Ewropea filwaqt li tiġi evitata interferenza li tagħmel il-ħsara kkawżata mis-servizzi MCV lis-servizzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mobbli terrestri.

Il-kundizzjonijiet u l-proċeduri nazzjonali tal-awtorizzazzjoni msemmijin f'din ir-Rakkomandazzjoni se japplikaw mingħajr preġudizzju għall-obbligi legali dwar is-sigurtà marittima u s-sigurtà pubblika u għar-regoli u/jew għad-dispożizzjonijiet amministrattvi dwar it-tagħmir għas-servizzi MCV implimentati mill-Istati Membri, b'mod konformi mal-liġi tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom ([1]) u kwalunkwe strumenti internazzjonali u tal-UE fir-rigward it-tagħmir marittimu.

2. "Servizzi tal-komunikazzjoni mobbli abbord il-bastimenti (servizzi MCV)" tfisser servizzi ta' komunikazzjoni elettroniċi, kif imfisser fl-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2002/21/KE, mogħtijin minn impriża sabiex tippermetti li dawk li jkunu abbord bastiment jikkomunikaw permezz ta' netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni bl-użu ta' sistema ta' GSM mingħajr ma jkunu stabbiliti konnessjonijiet diretti man-netwerks mobbli terrestri.

3. Din ir-Rakkomandazzjoni tapplika sabiex ikun awtorizzat l-użu tal-ispettru tar-radju fil-meded ta' frekwenzi mfissra fid-Deċiżjoni 2010/166/UE għall-għoti tas-servizzi MCV fl-ibħra territorjali tal-Istati Membri, kif imfissrin fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar. L-għoti tas-servizzi MCV fl-ibħra internazzjonali, il-komunikazzjoni permezz tas-satellita bejn il-bastimenti u l-istazzjonijiet fl-ispazju, u l-għoti tas-servizzi mobbli bis-satellita (MSS) lill-utenti aħħarin abbord bastimenti huma barra l-ambitu ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

4. Mhux iktar minn tnax-il xahar minn meta tiġi adotta din ir-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jawtorizzaw l-użu tal-ispettru għall-għoti tas-servizzi MCV fl-ibħra territorjali tagħhom abbord il-bastimenti tan-nazzjonalità tagħhom u l-użu tal-ispettru għall-għoti tas-servizzi MCV fl-ibħra territorjali tagħhom fil-meded jew sotto-meded ta' frekwenza li jkunu disponibbli skont id-Deċiżjoni 2010/166/UE, kif ikun applikabbli.

([1]) ĠU L 91, 7.4.1999, p. 10.

5. L-Istati Membri ma għandhomx jawtorizzaw l-użu tal-ispettru għall-għoti tas-servizzi MCV, sakemm dan l-użu ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tekniċi stipulati fid-Deċiżjoni 2010/166/UE.

6. Jista' jkun li l-Istati Membri jesiġu li s-sistemi MCV jużaw biss il-meded speċifiċi jew is-sotto-meded ta' frekwenzi li jkunu disponibbli, skont id-Deċiżjoni 2010/166/UE, għat-tħaddim tas-sistemi MCV fl-ibħra territorjali tagħhom.

7. L-Istati Membri bħalissa qed jagħmlu użu mill-ispettru għall-għoti tas-servizzi MCV li huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni ġenerali. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2002/20/KE, fejn l-użu tal-ispettru għall-għoti tas-servizzi MCV huwa soġġett għad-drittijiet individwali, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw mill-ġdid il-ħtieġa għad-drittijiet individwali ta' dan it-tip flimkien mal-objettiv li jiġu inkorporati l-kundizzjonijiet marbutin ma' dawn id-drittijiet f'awtorizzazzjoni ġenerali mill-iktar fis possibbli u mhux iktar tard minn tliet snin minn meta tiġi adottata din ir-Rakkomandazzjoni.

8. Mhux iktar tard minn tnax-il xahar minn meta din ir-Rakkomandazzjoni tiġi adottata, l-Istati Membri ma għandhomx jitolbu xi awtorizzazzjoni oħra għall-użu tal-ispettru li jkun disponibbli għall-għoti tas-servizzi MCV fl-ibħra territorjali tagħhom jekk l-użu tal-ispettru mis-sistema rilevanti tal-MCV huwa diġà awtorizzat minn Stat Membru ieħor, skont ir-reġim ta' awtorizzazzjoni tiegħu u skont din ir-Rakkomandazzjoni.

9. L-Istati Membri għandhom iqisu li ma jitolbux xi awtorizzazzjoni oħra għall-użu tal-ispettru fl-ibħra territorjali tagħhom għall-għoti tas-servizzi MCV abbord bastimenti ta' nazzjonalità tat-tielet pajjiż, sakemm l-użu tal-ispettru għall-għoti tas-servizzi tal-MCV abbord dawn il-bastimenti jkun diġà awtorizzat mill-pajjiżi rilevanti taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk stipulati fid-Deċiżjoni 2010/166/UE.

10. L-Istati Membri li, qabel ma adottaw dan ir-Regolament, kienu taw drittijiet individwali esklussivi fil-meded jew fis-sotto-meded ta' frekwenzi li jkunu saru disponibbli għat-tħaddim tas-sistemi MCV, għall-forniment tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettroniċi mobbli terrestri u/jew tas-servizzi li jestendu għall-ibħra territorjali tagħhom għandhom, fil-każ tal-ewwel analiżi, modifikazzjoni, estensjoni jew tiġdid ta' drittijiet esklussivi ta' dan it-tip, imsejsin fuq il-liġi tal-UE jew nazzjonali, fejn xieraq, jibdlu dawn id-drittijiet għall-użu sabiex jippermettu li s-sistemi MCV jitħaddmu fl-ibħra territorjali tagħhom. Sakemm isiru l-ewwel analiżi, modifika, estensjoni jew tiġdid, l-Istati Membri konċernati għandhom jippromwovu l-għoti tas-servizzi MCV fl-ibħra territorjali tagħhom abbażi tan-negozjar tal-ispettru, il-qsim tal-ispettru jew xi arranġamenti oħra li jistgħu jiġu pparagunati mal-operaturi mobbli terrestri li jgawdu d-drittijiet esklussivi rilevanti.

11. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw b'mod attiv, kostruttiv u fi spirtu ta' solidarjetà, billi jużaw proċeduri eżistenti fejn xieraq, biex jindirizzaw kwalunkwe kwistjonijiet li jirrigwardaw interferenza li tagħmel il-ħsara li allegatament ikunu kkawżati mit-tħaddim tas-servizzi MCV.

12. L-Istati Membri għandhom iqajmu kwistjonijiet malajr kemm jista' jkun dwar interferenza li tagħmel il-ħsara li allegatament hija kkawżata mit-tħaddim tas-sistema MCV li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru ieħor għall-attenzjoni ta' dan l-Istat Membru u għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni. Fejn huwa xieraq, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Kumitat għall-Komunikazzjonijiet u lill-Kumitat għall-Ispettru tar-Radju dwar il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq sabiex ifittxu soluzzjonijiet għal kwalunkwe diffikultajiet.

13. L-Istati Membri li jkollhom ġurisdizzjoni fuq is-servizzi MCV li jkunu suspettati li qed jinterferixxu u jkunu ta' ħsara għas-servizzi mogħtija fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għandhom jirreaġixxu u jsolvu minnufih kwalunkwe interferenza bħal din.

14. L-Istati Membri għandhom jieħdu kwalunkwe miżura xierqa sabiex jiżguraw li l-konsumaturi u l-utenti aħħarin l-oħrajn ikunu mgħarrfin b'mod xieraq dwar it-termini u l-kundizzjonijiet ta' kif għandhom jintużaw is-servizzi MCV.

15. L-Istati Membri għandhom iżommu l-użu tal-ispettru għall-għoti tas-servizzi MCV taħt skrutinju, b'mod partikolari fir-rigward ta' interferenza li attwalment jew potenzjalment tagħmel il-ħsara, u għandhom jirrappurtaw is-sejbiet tagħhom lill-Kummissjoni sabiex jippermettu li l-analiżi ta' din ir-Rakkomandazzjoni ssir f'waqtha jekk ikun meħtieġ.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kummissjoni*

Neelie KROES

*Viċi President*

# EU Book shop

Il-pubbblikazzjonijiet kollha
tal-UE li INT qed tfittex!



bookshop.europa.eu

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i<br>tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT